# Mis-Sillabu

RIVISTA GĦALL-ISTUDENTI TAL-MATRIKOLA

Volum 2 Numru 5











ŻEWĠ ARTIKLI FUQ "LINJI ĠODDA"

L-ISFOND STORIKU TA' POEŻIJA TA' ĠORĠ PISANI

KOMPONIMENT MUDELL

ANALIŻI TA' SUNETT MIBDI TA' DUN KARM

IL-POEŻIJA U L-ĦAJJA

KORS FL-GĦARBI GĦALL-MATRIKOLA

PEG PUBLICATIONS

PUBBLIKAZZJONI TAL-PUBLISHERS ENTERPRISES GROUP (PEG) LTD.

25ċ

# Mis-Sillabu

**Maħruġ l-ewwel darba f'Settembru, 1984**

**Volum 2 Numru 5**

Pubblikat mill-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
Triq Herbert Ganado,
Il-Ħamrun, Malta.

© 1986 P.E.G. Ltd.
© Dritt Letterarju tal-kittieba

Il-jeddijiet kollha miżmuma. L-ebda silta ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat mingħajr il-permess bil-miktub tal-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.

Phototypeset mill-Comprint Ltd, Il-Ħamrun
Mitbugħ mill-Imprint Ltd, Ħal Qormi

**Bord Editorjali**
Ġorġ Mifsud (*Editur*)
Mario Azzopardi (*Sub-Editur*)

*Konsulenti* J.M. Brincat
Paul Xuereb

**Il-Kittieba**
Mario Azzopardi
J.C. Briffa
Raymond Calleja
Ġużè Diacono
Oliver Friggieri
Ġorġ Mifsud
Stephen J. Muscat
Alfred Zerafa

X'FIH

**Il-Poeżija bħala Mod ta' Għajxien**
*Oliver Friggieri* 249
**L-Isfond tal-Poeżiji "Storiċi" ta' Ġorġ Pisani (1) – Il-Ġrajja tal-Laqgħa ta' Mussolini u Hitler (Mejju, 1938)**
*Stephen J. Muscat* 250
**Il-Ħsieb Ribelluz wara "Linji Ġodda"**
*J.C. Briffa* 252
**Nintervistaw lil Victor Fenech (1)** 253
**Ir-Rabta bejn Karattri u Udjenza fit-Teatru (2)**
*Ġużè Diacono* 256
**Sunett ta' Dun Karm mibdi lil Mussolini**
*Mario Azzopardi* 258
**Pass Pass lejn il-Livell Ordinarju (7)**
*Alfred Zerafa* 263
خطوةً خطوةً إلى المستوى العادي (٧) بقلم الفريد زرافا
**Mill-Kontribut tal-Qarrejja – Tensjoni**
*Raymond Calleja* Kopertina

## *L-EDITORJAL*

Malta żgħira u n-nies magħrufa. Sewwasew għalhekk li l-plaġjariżmu ftit li xejn għandu ħajja hawn Malta. Barra li jagħmel ħsara lill-plaġjarista jagħmel ħsara akbar lill-awtur u lill-pubblikatur li jkunu ħadmu u stinkaw tant u mbagħad jaraw ħidmithom titlef l-identità tagħha għall-kapriċċi ta' ħaddieħor.

Kemm ilha toħroġ din ir-rivista tagħna bosta kienu dawn li qalulna ħafna kummenti u kritika pożittiva. Widnejna kienu miftuħa għal kollox. Fejn stajna tejjibna u rranġajna. Imma f'widnejna waslu wkoll l-ilmenti ta' bosta studenti li hawn xi għalliema li l-materjal ta' *Mis-Sillabu* m'humiex jużawh tajjeb. Ngħidu aħna, hawn min qed jiddettah kelma b'kelma fil-klassi waqt il-lezzjoni. Dan, barra li jmur kontra kull prinċipju edukattiv, qed iġiegħel lit-tfal jobogħdu lill-Malti, lil-lingwa tagħhom. Hawn min ukoll qed jittajpja l-materjal *kif isibu*, u nafu x'aħna ngħidu biżżejjed, iħalli barra isem il-kittieb u/jew il-kittieba, iħalli barra isem ir-rivista u bl-akbar ipokresija jmur jiftaħar fil-klassi li fis-sajf tul il-vaganzi qagħad jaħdem u jistinka għal wiċċ l-istudenti!

Imma l-istudenti llum m'humiex boloh! Ħafna minnhom ir-rivista qed jixtruha regolarment u jafu jqabblu min qagħad fis-sewwa jaħdem u jistinka fis-sajf. M'hemmx għajb li wieħed jirreferi għax-xogħol ta' qablu! L-għalliem ma jkun qed jitlef l-ebda kappell jekk lit-tfal isemmilhom ir-rivista tagħna. Dawk l-għalliema plaġjaristi ngħidulhom li qed toffendu s-serjetà tal-professjoni tagħna. U aħna bħala għalliema għandna d-dmir niddefenduha. Ngħidulhom ukoll biex jaqraw sewwa x'hawn miktub man-naħa tax-xellug ta' din il-kolonna – jiġifieri li l-pubblikaturi u l-kittieba għandhom id-dmir sagrosant li jfittxuhom għal kull ħsara li qed issirilhom. Dan fil-fatt diġà qegħdin nagħmluh bl-akbar qawwa!

Lil dawn l-għalliema nfehmuhom biex jimitaw lil sħabhom ta' l-affari tagħhom li wara li jirreferuhom għar-rivista jissuġġerulhom lill-istudenti biex jaqraw fiha l-partijiet relevanti u jiddiskutuhom flimkien fil-klassi u/jew waqt xi seminars u diskussjonijiet letterarji li jkollhom.

Lil dawn l-għalliema nfehmuhom ukoll biex lill-kapijiet ta' l-iskola tagħhom igħarrfuhom *bil-ġustizzja* x'inhu l-iskop ta' l-eżistenza ta' *Mis-Sillabu*. Bħan-noti li ħriġna fuq it-testi tal-Matrikola Ordinarja u tal-Matrikola Avvanzata, il-kitbiet ta' *Mis-Sillabu* jridu jservu bħala punt ta' tluq u materja prima għall-istħarriġ u d-diskussjoni tal-kotba fis-sillabu. L-ebda kontributur ma qal li xogħlu jimplika l-aħħar kelma! Għalhekk mhux sewwa dak li ntqal minn xi ħadd quddiem sala studenti *kbar*, u hawn ukoll nafu x'aħna ngħidu, li dawn in-noti qed joqtlu l-inizzjattiva fl-istudenti u għalhekk ma għandhomx jużawhom – meta mbagħad wieħed mill-għalliema preżenti qiegħed jiddettahomlhom kelma b'kelma waqt il-lezzjoni! U wara li jikkoreġilhom il-komponiment li jagħtihom għad-dar iniżżlilhom il-kummenti tiegħu bl-Ingliż. Fejn hi s-serjetà? Fejn hu l-eżempju tajjeb ta' l-għalliem? Fejn hu l-apprezzament tal-Letteratura Maltija u tal-Lingwa Maltija li jħobbu jiftaħru biha l-għalliema tal-Malti?



*Oliver Friggieri kien wieħed mill-kelliema f'kungress internazzjonali dwar il-Letteratura li sar f'Mazara del Vallo f'Mejju, 1984. F'dan il-kungress huwa tkellem dwar il-Poeżija bħala strument tal-paċi. Din hi intervista, maqluba għall-Malti mit-Taljan, li saritlu minn Giovanni Ciavanni wara li hu ppreżenta l-istudju tiegħu lill-kungress. L-intervista, "Tenera e fragile la poesija esige la pace", ixxandret fir-rivista Cronache parlamentari siciliane (Jannar, 1985) ta' Palermo.*

# IL-POEŻIJA BĦALA MOD TA' GĦAJXIEN

**Hawn fi Sqallija, quddiem il-Mediterran, x'inhuma s-sentimenti tiegħek?**

Inħossni fl-ambjent tiegħi mingħajr ebda sforz. Jien ġej minn Malta, gżira qrib ħafna ta' Sqallija f'ħafna sensi u marbuta ma' l-istess kultura skond diversi kriterji. In-natura hawnhekk għadha sabiħa, tgħid l-eżistenza vera tagħha, imqar jekk il-perikli jistgħu jinħassu wkoll. Is-sehem tal-poeta llum jista' jkun dan ukoll li jkabbar il-kuxjenza tan-nies favur in-natura, il-primittività li hija wkoll progressiva; iqanqal il-kuxjenza favur il-poeżija nnifisha li titnissel mill-ambjent. Il-lirika tagħna, fil-qalba tagħha, jeħtiġilha terġa' lura lejn in-natura, għax hi tan-natura fis-sens assolut tal-kelma.

Nista' nara li hemm bosta elementi komuni bejn il-poeżija Maltija u l-poeżija ta' Sqallija li sikwit m'hix magħrufa biżżejjed. Anki l-ilsna l-kbar sikwit m'humiex garanzija ta' għarfien awtomatiku. Skoprejt il-poeżija ta' Sqallija, naturalment dik li hi miktuba jew maqluba fit-Taljan, u nħoss qalb waħda, kbira, bla qies, li tħabbat fina lkoll. Jeħtiġilha tikber din il-kuxjenza li tirrendi lill-Mediterran *nazzjon*, u li tagħmilna ċittadini ta' art waħda. Fiha nnifisha, il-poeżija hi lingwa waħda.

**Fil-fehma tiegħek, il-poeżija hi għan fiha nnifisha jew hija mezz għall-ħajja?**

Ma nemminx, tassew, fil-kunċett ta' l-arti għall-arti. L-arti hija mod ta' għajxien, u mod ta' ħajja jħaddan u jkopri kollox, jieħu l-ispazji kollha ta' l-eżistenza. Meta l-poeżija ssir taħriġ kollu kemm hu tekniku, logħob lingwistiku, u meta l-kliem jitlef it-tifsira tiegħu u ma jibqax ifakkar fl-"affarijiet", il-poeżija titlef ukoll il-jedd li teżisti u l-poeti jikkommettu vilifikazzjoni personali u pubblika f'ħin wieħed. Il-poeti li jħarsu lejn il-poeżija bħala ħajja jeżistu llum ukoll; il-poeti veri m'humiex ħaġa oħra.

Hemm poeżija li għandha l-ambizzjoni li tkun għan fiha nnifisha, u li ma tiħux sehem fl-esperjenzi ta' l-umanità mweġġgħa ta' llum, iżda m'għandniex nitkellmu dwar dan l-angolu negattiv; il-preżenza tal-poeżija fid-dinja hi dejjem preżenza fejjieda, skonvolġenti u mqanqla, u qatt m'hi silenzjuża jew rassenjata. Dan ma jfissirx li l-versi huma moqrija mill-biċċa l-kbira tan-nies; forsi kien u għadu, illum aktar mill-bieraħ, id-destin tal-poeti li jitkellmu ma' ftit (il-firem tagħhom, hu x'inhu, huma speċjali, u jsawru bħal sopra-struttura); iżda minn dawn il-ftit magħżulin toħroġ il-qawwa divulgattiva li trid tilħaq lill-massa kollha. Dan iseħħ meta l-kelma, l-unika proprjetà tal-poeta, ikollha l-egħruq tagħha fil-verità ġewwiena.

**Taqbel miegħi li l-Umanità tinsab f'mument deċissiv u drammatiku ta' l-istorja tagħha u li biex issalva u tħares il-valuri ta' l-ispirtu, it-triq waħdanija hi l-poeżija?**

Iva, naqbel għal kollox. Naħseb li wieħed irid ikollu l-kuraġġ li jgħid din il-ħaġa. Anki l-poeti xi drabi jibżgħu tant mill-poeżija, iħossu ruħhom skomdi, inutli quddiem l-industriji u l-fabbriki, u l-istrutturi ekonomiċi. Id-dinja tax-xjenza qiegħda tifxilna b'mod li qiegħda ġġegħelna nistħu li aħna poeti. Iżda fil-fatt forsi qatt daqs illum ma kien hawn dinja li kellha tant bżonn tal-poeżija. U qiegħda tfittixha f'ħafna esperjenzi differenti – il-mużika, il-libertà, il-ħerqa għall-paċi, l-għarfien mill-ġdid tan-natura, id-droga li fiha nnifisha hija saħta iżda li tissuġġerixxi hi wkoll din il-ħtieġa pożittiva, it-turiżmu, insomma dawk l-esperjenzi kollha li għal waqt wieħed jagħmluna differenti. Il-poeżija, fil-fatt, hi l-kuntrarju tar-regola, il-liġi kontra l-liġijiet, l-ispirtu ħieles li nħossuh qiegħed imut ġewwa fina u li jeħtiġilna nqajmu mill-ġdid biex igħix.

Nieħdu t-theddida tal-gwerra, li b'xorti ħażina, għandha l-loġika tagħha. Il-politiċi jidhru li qegħdin jirraġunaw u jaslu saħansitra għall-konklużjoni tal-gwerra. Il-loġika għandha punt tal-wasla, post aħħari li huwa wkoll l-Assurdità, bl-ittra A kbira: il-gwerra. Il-poeżija, min-naħa l-oħra, tenera u fraġli, bħalma jistqarr Pasternak, tikber bl-innoċenza tagħha kollha li, madankollu, għandha s-saħħa tipprovoka, tisfida u teżiġi l-paċi. Din hi l-ħaġa li aħna lkoll irridu: il-paċi, u sewwasew il-poeżija.

**Taħseb li għad jerġa' jkollna s-seklu tad-deheb tal-poeżija?**

Hi mistoqsija tqila mhux biss għax it-tweġiba hi tqila iżda wkoll għax għandha implikazzjonijiet serji fuq l-imgħoddi u fuq il-preżent. Donnhom il-poeti kbar eżistew biss fl-imgħoddi, forsi għax il-mit tal-poeta għadda hu wkoll minn rivalutazzjoni sħiħa. Is-seklu tagħna jagħti l-impressjoni li qiegħed joħloq ftit poeżiji miktubin minn bosta poeti; din qisha l-epoka tal-kobor kollettiv, u mhux personali aktar. Iżda l-poeti kbar jeżistu fi żmienna wkoll. Forsi tonqos id-dispożizzjoni tal-kritika u tal-pubbliku biex tagħraf dan il kobor.

Wieħed jista' jitkellem ukoll dwar kriżi tal-poeżija llum, u din il-ħaġa aktarx ikollhom jammettuha wkoll l-akbar devoti tal-poeżija l-ġdida. Hija l-kritika li tista' u għandha timponi b'dixxiplina kbira l-kriterji li bihom tista' tinkiseb dehra ġenerali ta' l-istorja tal-poeżija. B'dan il-mod il-produzzjoni moderna tista' tidher u tkun mistħarrġa fil-perspettiva xierqa. M'hix ħaġa ħafifa tagħti

## L-ISFOND TAL-POEŻIJI "STORIĊI" TA' ĠORĠ PISANI (1)

# IL-ĠRAJJA TAL-LAQGĦA TA' MUSSOLINI U HITLER F'RUMA (Mejju, 1938)



Lejn ħajja fejn tista' teżisti l-poeżija

*Fil-Laqgħa ta' Hitler u Mussolini f'Rụma*

Paċi jew Gwerra? qed tistaqsi mbeżżgħa
Id-dinja tħares lejn id-dittaturi;
Filwaqt li Ruma, minn kull werqa mneżżgħa,
Fuqhom qed titfa' fjuri, fjuri, fjuri!

Jifraħ il-Poplu xħin jar'hom għaddejja,
U għal warajhom bħal miġnun jiġġerra,
'Mma ġewwa qalbu mewġa demm b'inkejja
Ittenni dan li-kliem: Paċi jew Gwerra?

Paċi jew Gwerra? Għala qed tistaqsi,
Ja Poplu tajjeb, din l-aħbar lil ruħek?
Xortik ma hix f'idejk: stenna bħal ħabsi
L-amar li għandu lejn żmien ġdid isuqek.

Inti biss ċapċap, għajjat, xejjer drieghek,
Ixħet il-ward fuq il-ħakkiema tiegħek.

ĠORĠ PISANI

konklużjoni fuq fenomenu li għadu qrib tagħna ħafna, u li fil-fatt aħna parti integrali minnu. Dan igħodd ukoll għal min irid jagħti ġudizzju kollu kemm hu pożittiv tal-produzzjoni moderna.

Seklu tad-deheb tal-poeżija jimplika wkoll seklu tad-deheb fl-oqsma l-oħra. U din hi r-raġuni għala rridu nistaqsu lilna nfusna jekk dan is-seklu għandux il-ħila jfejjaq lilu nnifsu u jerġa' lura lejn dik id-dinja, li tidher aħjar, fejn setgħet teżisti epoka tad-deheb tal-poeżija. Il-poeżija hija l-ħajja, u l-kwalitajiet ta' l-ewwel waħda, marbutin flimkien f'rabta reċiproka ta' kawża u effett, jiddependu mill-kwalitajiet tat-tieni waħda.

Għall-bidu ta' Mejju ta' l-1938 kulħadd tefa' ħarstu lejn iż-żjara ta' Hitler fl-Italja li kienet ippreparata bir-reqqa kemm fil-Ġermanja, kif ukoll fl-Italja. Walter Schellenberg, mid-Dipartiment tal-Pulizija ta' Reinhard Heydrich[1], mar minn qabel biex jipprepara miżuri stretti ta' sigurtà. Kont tista' tara lin-nies tiegħu jiġġerrew 'l hawn u 'l hinn matul it-triq li Hitler kellu jgħaddi minnha, waqt li għamlu tiftix f'kull dar li kien hemm f'din it-triq. It-Taljani arrestaw aktar minn sitt elef li kienu suspettati, u Schellenberg biex iżid ma' dawn il-prekawżjonijiet, poġġa tmenin aġent minn tiegħu f'qagħdiet importanti, waqt li oħrajn tpoġġew fl-ikliet u l-funzjonijiet l-oħra li kienu ser isiru.

Madankollu, intgħażlu ħames mija mill-aħjar lingwisti fis-servizz ta' Heydrich u ntbagħtu l-Italja bħala turisti. Kienu organizzati sew u l-missjoni tagħhom kienet li jirrapportaw ċirkustanzi ta' suspett u biex jiġbru l-informazzjoni fuq il-qagħda ta' l-opinjoni pubblika. Dan kien l-ewwel pass ta' min isemmih fuq l-infiltrazzjoni Nażista fl-Italja.

Min-naħa tat-Taljani x-xogħol ta' preparazzjoni kien f'idejn il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, il-Konti Galeazzo Ciano, taħt il-ħarsien sħiħ ta' Mussolini. Id-djar ta' matul il-linji tal-ferrovija żebgħuhom mill-ġdid u dendlulhom slogans addattati. F'Ruma nbena stazzjon ġdid tal-ferrovija biex jippermetti l-wasla trijonfali fil-belt. Starace, li kien direttur tajjeb tal-palk, kellu jieħu ħsieb il-ħafna parati li kellhom isiru, kif ukoll il-folol li kellhom jilqgħu lid-dittatur Ġermaniż. It-toroq żejnuhom bil-bnadar u s-simboli Faxxisti kif ukoll bl-emblemi Nażisti.



Ta' min igħid illi f'nofs il-preparazzjonijiet kollha għal dik il-ġurnata, Ciano osserva xi sinjali ta' inkwiet bejn l-Italja u l-Ġermanja. It-trattat Anglo-Taljan ma tantx intlaqa' tajjeb f'Berlin u kien hemm xi differenzi oħra. Iżda kienu problemi li setgħu jiddiskutuhom iż-żewġ mexxejja meta jiltaqgħu.

Hitler wasal fl-istazzjon ta' San Paolo fit-3 ta' Mejju, 1938, akkumpanjat minn ħafna nies prominenti, fosthom: Ribbentrop, Goebbels, Hess, Himmler, Frank, Sepp Dietrich u l-Ġeneral Keitel,[2] kif ukoll ħafna ġurnalisti bl-uniformi. Hemm jistennewh kien hemm ir-Re[3] u Mussolini. Għal Mussolini dan kien qed jagħmlu tabilħaqq kontra qalbu, iżda ma setax jagħmel mod ieħor: kellu jħalli lil Hitler ikun il-mistieden tar-Re, għax din kienet l-użanza. Lil Hitler kienu ġegħluh jaħseb li Mussolini kien l-uniku ħakkiem ta' l-Italja, għalhekk stagħġeb u bħal iddarras xħin sab, hu u nieżel mill-ferrovija, lir-Re mdawwar bil-ġenerali tiegħu biex jilqgħuh, waqt li Mussolini bir-rispett kollu baqa' lura. Mussolini għeb barra mill-istazzjon u Hitler sar jaf, wara li staqsa għalih, li Mussolini ma kienx se jieħu sehem fil-purċissjoni lejn il-'Quirinale'.[4] Ir-Re ma tantx kien ferħan għax ma kienx jaħmel lill-Ġermaniżi, aktar u aktar lin-Nażisti. L-istmerrija tiegħu kibret aktar meta Hitler tela' l-ewwel wieħed u qagħad bil-qiegħda fil-karrozzella rjali miġbuda miż-żwiemel.

Il-folol matul it-triq ftit li xejn urew entużjażmu. Meta l-bibien tal-Quirinale ngħalqu wara li daħlet il-ġemgħa Ġermaniża, dawn sabu ruħhom f'atmosfera kemxejn stramba. Ma setgħux jaraw aktar lil dawk tal-qomos suwed[5] – iżda lin-nies puliti u ta' manjieri tajba tal-Palazz tar-Re, lebsin kollha midaljuni u faxex. Saħansitra Himmler instema' jgemgem, "Dan il-post għandu riħa ta' katakombi".

Hitler qatta' sitt iljieli fil-Quirinale u seħet kull minuta minnhom. Ma setax iniżżel dik il-bruda li wera miegħu r-Re u baqa' jilminta li Mussolini kellu jkun fl-ewwel post fl-Istat. La hu u lanqas ta' madwaru ma baqgħu lura milli din igħidu biha lil Mussolini stess. Aktar minn hekk, Hitler ikkritika l-palazz bħala post melankoniku, inkomfortabbli u li kellu x-xejra ta' mużew antik. Sab xi jgħid ukoll talli ħaduh fil-karrozzella u ġieli semgħuh isaqsi, bla sabar ta' xejn, meta d-Dar ta' Savoja kienet se tisma' bl-invenzjoni tal-karrozza. L-isfiduċja fir-Re ta' l-Italja u l-Palazz tiegħu kienet skuża li Hitler kien dejjem jużaha, anki aktar 'il quddiem meta akkużawh talli ma żammx lill-alleati tiegħu informati fuq l-intenzjonijiet tiegħu.



Hitler u Mussolini huma u niżlin mill-Qabar tas-Suldat Mhux Magħruf (1938).

Min-naħa tiegħu r-Re lil Hitler sabu wieħed ta' min jistmerru u qal lil ta' madwaru li dan kien miġnun u li kien jieħu d-drogi u l-kalmanti. Saħansitra xerred l-istorja ta' meta Hitler darba qam f'nofs ta' lejl u ma riedx jerġa' jorqod jekk ma tiġix il-qaddejja u terġa' tagħmillu s-sodda. Dan qajjem inkwiet kbir għax f'dawk il-ħinijiet ma setgħux isibu qaddejja fil-palazz u fl-aħħar ġabu waħda mil-lukanda fil-qrib biex tagħmillu s-sodda. L-attitudni tar-Re, u t-tgemgim ta' Hitler dwar il-monarkija u l-Palazz kellhom l-effett li komplew jitgħarrqu r-relazzjonijiet bejn il-Quirinale u Palazzo Venezia.[6] Baqgħu kif għandhom ikunu, iżda dik il-ħbiberija ta' l-antik kienet spiċċat. Fl-għadab tiegħu Mussolini kien iddeskriva l-Monarkija bħala bastun fir-roti tar-Reġim Faxxista.

Indaqqet nota skurdata oħra, biex ngħidu hekk, mill-Vatikan. Il-gazzetta *L'Osservatore Romano* bħala protesta ma għamlet l-ebda referenza għaż-żjara. Il-Papa Piju XI wera d-dispjaċir tiegħu billi għalaq il-mużewijiet kollha tal-Vatikan, imbagħad irtira fir-residenza tal-kampanja tiegħu f'Castel Gandolfo. Hemmhekk fit-3 ta' Mejju, fl-udjenza tradizzjonali tiegħu lill-miżżewġin ġodda wera d-dispjaċir tiegħu u qal li dak in-nhar kienet ittellgħet f'Ruma bandiera ta' salib ieħor li ma kienx ta' Kristu.

(jissokta)

**NOTI**

1. Reinhard Heydrich kien il-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà Ġermaniża. L-SD (iż-*Sicherheitdienst*) kienet taghmel parti mill-*Waffen SS* (ix-*Shutzstaffel*).
2. Joachim von Ribbentrop kien il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin tal-Ġermanja. Dr. Josef Goebbels kien il-Ministru tal-Propoganda tal-Ġermanja. Rudolf Hess kien Deputat-Mexxej tal-Partit Nażista u t-tieni fil-linja wara Göring bħala eredi ta' Hitler. Heinrich Himmler kien kmandant tal-SS u aktar tard Ministru ta' l-Intern tal-Ġermanja. Il-Ġeneral Keitel kien il-kap tal-Kmand Għoli tal-Qawwiet Armati (1938). Sepp Dietrich kien membru tal-SS u aktar 'il quddiem kmandant tas-Sitt Armata tat-Tankijiet tal-SS.
3. Ir-Re ta' l-Italja kien Vittorju Manwel III tal-Familja Rjali ta' Savoja.
4. Il-Qurinale kien il-palazz fejn kien igħammar ir-Re u l-familja tiegħu.
5. Tal-Qomos Suwed kienu bħal nies ta' sigurtà fi ħdan il-Partit Faxxista. Kienu jixbhu lil tal-Qomos Kannella tal-Ġermaniżi
6. Palazzo Venezia kienu jgħammru fih Mussolini u l-gvern tiegħu.

**STEPHEN J. MUSCAT**



Mussolini, Hitler u r-Re Taljan iħarsu lejn parata għaddejja f'Ruma (1938)



# IL-ĦSIEB RIBELLUŻ WARA "LINJI ĠODDA"

Minn J.C. Briffa

L-aħbar internazzjonali ħolqot struttura ġdida tal-ħsieb u s-sentiment

**GĦOXRIN SENA ILU, grupp ta' awturi ġodda, ilkoll prodott ta' sistema edukattiva b'xejn introdotta fl-1947, iddeċidew illi jesperimentaw b'forom ġodda letterarji biex iġibu lill-arti tal-kitba f'Malta ras imb'ras ma' movimenti oħra fil-Kontinent, fl-Ingilterra u fl-Amerika. Il-ħsieb tal-Moviment Qawmien Letterarju (imwaqqaf fl-1967) huwa mfisser tajjeb ħafna fir-rendikont li jagħti Mario Azzopardi fil-ktejjeb *Fl-Isfond ta' Linji Ġodda* (1983). Azzopardi, hu nnifsu wieħed mill-ewlenin fi ħdan il-Moviment, kiteb hekk:**

> *Il-protesta letterarja tas-snin Sittin hija murija fit-tkissir deliberat tal-forma tradizzjonali. L-ispirazzjoni tax-xokk kienet ċara. Bħalma ġara fil-bqija tal-pajjiżi Ewropej, li għaddew għall-idjoma moderna mas-sittin, sebgħin sena qabilna, il-poeżija l-ġdida post-Indipendenza f'Malta bdiet biex tiġġustifika l-"modern" bħala fenomenu fih innifsu. Bdew iseħħu esperimenti esterni ta' innovazzjoni maħsubin biex (i) igiddbu l-kontenut tradizzjonali soċjali u (ii) jisfrundaw il-prosodija qadima. Biex jitgiddeb il-kontenut intużaw il-grottesk, l-ironija u s-satira, espressi b'vokabularju tat-triq...* (p. 14)

L-ossessjoni bil-"vokabularju tat-triq" li jitkellem dwaru Azzopardi jeħtieġ illi titpoġġa fil-kwadru ta' l-arti popolarizzata kif mifhuma fis-snin Ħamsin-Sittin ġewwa l-Ingilterra u l-Istati Uniti, żewġ pajjiżi illi jidhru li kienu ta' nebħa kontinwa għall-poeti l-ġodda Maltin. Il-poeti lokali jidhru li ttieħdu wkoll mill-attwalità ta' dik illi bdiet tissejjaħ *"pop art"*, imseddqa mill-*"beat poems"* ta' wħud bħal Allen Ginsberg. Il-poeżija *"pop"* jew il-poeżija *"beat"* kienet tagħmel minn kollox biex ikunu aċċettati xbihat "banali" meħudin mir-realtajiet ta' soċjetà moderna konsumista. Dawn ix-xbihat kienu jmorru għal kollox kontra l-bixra dekoruża tal-poeżija razzjonali u organizzata tat-tradizzjonalisti. Nistgħu ngħidu illi, l-istess kif għamlu l-poeti Anglo-Amerikani, il-poeti moderni Maltin irriflettew il-perjodu tas-snin Sittin, meta, fi kliem kritiku Amerikan, l-artisti kienu jmorru bil-basket tax-xirja jixtru x-xbihat mit-toroq u mis-*supermarkets*. Allen Ginsberg iddeskriva dawn il-mawriet poetiċi fis-swieq moderni tan-neon:

> *... in and out of the brilliant stacks of cans, following you, and followed in my imagination by the store detective. We stroll down the open corridors together in our solitary fancy, tasting artichokes, possessing every frozen delicacy and never passing the cashier...*

Fl-antoloġija *Linji Ġodda* jeżistu ħafna eżempji ta' materjal li jfakkrek fl-avventuri ta' kuljum, fil-kwalunkwiżmu, fil-ħelsien u l-vena romantika moderna, ispirata mill-movimenti ta' gruppi popolarissmi bħall-*Beatles* jew mill-qtajjiet tal-*hippies* u l-*flower power* tagħhom. Is-sens ta' kwalunkwiżmu jew osservazzjoni avventuruża tinħass tajjeb bis-saħħa tax-xbihat li nebbħu lil Azzopardi biex jikteb *Ritratti quddiem il-Caffè Premier*, jew biex Victor Fenech jikkomponi *Burokrazija*, jew biex Albert Marshall jesperimenta bil-versi projettivi f'xogħol bħal *Blindfold*. Poeti bħal dawn jixhdu, għallinqas b'mod ġenerali, il-kwalitajiet li ta' min ifittex fil-poeżija *"pop"* jew *"beat"*, jiġifieri: impersonalità, impressjonijiet mgħaġġlin u mingħajr dettall, simplifikazzjoni tal-lingwa bħala protesta kontra l-elokuzzjoni klassika, ripetizzjoni, esperimenti grafoloġiċi, strutturi dijagrammatiċi u versi mekkaniċi fejn il-punteġġatura tikser kull regola tal-grammatika.

## IL-MEZZI TAL-KOMUNIKAZZJONI

F'Malta, bħal fi bnadi oħra, il-mezzi l-ġodda tal-komunikazzjoni servew biex (fi kliem Marshall McLuhan) "joħolqu struttura ġdida tal-ħsibijiet u s-sentimenti tagħna." Il-mezzi moderni tal-komunikazzjoni ħolqu drawwiet ġodda ta' attenzjoni u ħolqu wkoll fis-soċjetà l-abbiltà li permezz tagħhom il-bniedem seta' jiċċaqlaq f'direzzjonijiet differenti fl-istess waqt. Dan ġara wkoll fil-poeżija, fejn ħafna drabi x-xbihat jirkbu waħda fuq l-oħra bla rażan jew jeżistu f'direzzjonijiet differenti (kif jiġri, ngħidu aħna, fil-poeżija ta' Daniel Massa). F'dan il-kuntest ta' min isemmi kliem Ursula Prunster:

> *The pop movement extended the boundaries of art to cope with this new dimension of*

*human communication. It implied a new flexibility with regard to subject matter and a new inter-changeability between art and non-art. We approach a time, Marshall McLuhan has pointed out, when the total human situation must be considered a work of art.*

Ma kienx għaġeb, għaldaqstant, illi l-poeżija l-ġdida f'Malta ltaqgħet ma' daqstant oppożizzjoni, l-aktar minn inħawi akkademiċi, bħall-Università, li d-Dipartiment tal-Malti tagħha kien iddominat għal żmien twil mill-preċetti li kien ħoloq il-Professur Ġużè Aquilina. Ma kienx faċli għat-tradizzjonalisti li jaċċettaw l-"irrelevanzi" u l-"banalijiet" tal-poeżija moderna. Wara kollox, kien Dun Karm innifsu illi kien stqarr illi l-poeżija moderna ma hi xejn ħlief sistema mħawda ta' biżarriji. Il-preġudizzju ta' Dun Karm jista' jinftehem ukoll, minħabba illi huwa trawwem fi skola klassika fejn it-ton sublimi biss kien assoċjat ma' poeżija ta' valur.

**J.C. Briffa**



**Il-grottesk bħala protesta kontra forom ta' arti li qdiemu u bħala ribelljoni kontra l-oppressjoni ta' l-individwu**



NINTERVISTAW LIL

# VICTOR FENECH (1)

*VICTOR FENECH, imwieled fl-1936, ex-ġurnalista u Kap ta' Skola tal-Gvern, hu wieħed mill-ilħna ewlenin li feġġew b'idjoma u repertorju ġdid f'nofs is-snin Sittin. Bħalissa għandu lest għall-istampa ġabra ta' poeżiji ta' xejra soċjo-politika bl-isem SANGRAAL. Ilu sentejn ifittex pubblikatur kuraġġuż.*

*F'intervista riċenti dwar* Linji Ġodda *(ara Mis-Sillabu Vol. 1 N. 6) Peter Serracino Inglott sejjaħlu "il-qabla kif ukoll il-parrinu tal-ktieb". Lil Victor aħna għamilnielu din l-intervista:*

*1. Nafu li int kont wieħed mill-ideaturi ewlenin ta' l-antoloġija* Linji Ġodda *fil-bidu tas-snin Sebgħin. Għaliex tħoss li kien hemm il-ħtieġa ta' antoloġija bħal din?*

Fil-fatt l-idea ta' *Linji Ġodda* kienet tiegħi. Dak iż-żmien kont ħabrieki ferm fil-Moviment Qawmien Letterarju (1967–72), fil-Klabb Kotba Maltin (1971–74) u fil-ħruġ ta' antoloġiji bi sħab, sensiela li bdejtha bi *Kwartett* (1966) u ssuktajtha b'*Antenni* (1968) u *Analiżi* (1970). Fl-istess żmien li kont fil-Moviment kont ukoll l-editur ta' *Il-Polz*, l-organu tiegħu, ħidma li kont intfajt għaliha b'ruħu u ġismi. Ridt li fih ninkludi biss kitbiet ta' livell għoli sew kemm fl-idjoma "tradizzjonali" u sew f'dik hekk imsejħa "moderna" (kelma antipatika). Bħala editur, kont naqra kollox u nagħżel ftit (u għamilt ħafna egħdewwa). L-għan tiegħi kien li *Il-Polz* jesponi l-aħjar kitbiet kontemporanei, b'aċċenn speċjali fuq temi soċjali, u li aktar 'il quddiem ikun punt ta' referenza meta xi darba tinkiteb l-istorja tal-letteratura Maltija.

Meta mbagħad, fuq stedina ta' Pawlu Mizzi, bdejt, flimkien ma' Mario Azzopardi, nipproduċi l-kotba tax-xahar tal-Klabb Kotba Maltin, u għal xi żmien konna t-tlieta flimkien nieħdu deċiżjonijiet dwar liema kotba naċċettaw għall-pubblikazzjoni, ġieni l-ħsieb li l-essenza ta' *Il-Polz*, u għalhekk l-*angst* letterarju tas-Sittinijiet, jingħabar b'mod aktar dejjiemi f'antoloġija rappreżentattiva.

Il-"kwartetti" li ħriġt kienu qajmu interess sħiħ f'reċensjonijiet fit-tul fil-ġurnali kollha, u għax dejjem emmint li l-kritika serja ssaħħaħ il-letteratura (fil-fatt il-kritika *hi* letteratura minnha nfisha), fittixt li f'kull antoloġija ninkludi siltiet kritiċi fuq l-antoloġija ta' qabilha. Issa, għedt, wasal iż-żmien li poeżija u kritika jingħaqdu b'mod aktar intimu. Bil-Professur Peter Serracino-Inglott f'moħħi bħala l-kummentatur, tkellimt ma' Pawlu Mizzi fuq din l-idea u dan qalli biex immexxi. Ħalla kollox f'idejja u jien bdejt nikkuntattja l-membri li kellhom ikunu fil-bord editorjali: Dun Peter, li aċċetta minnufih; Dr. Paul Xuereb, li kien ħa sehem sħiħ fis-serati *Beat u Letteratura* u hekk kien midħla sew tal-Moviment; u Ġużè Cardona, li stedintu bħala 'bilanċ' favur l-iskola tradizzjonalista. Dak iż-żmien Ġużè u Paul kellhom polemika għaddejja f'*The Sunday Times* għax bħala awtur u kritiku rispettivament ma kenux qablu dwar dettalji mill-ktieb *Dun Karm – Ħajtu u Ħidmietu* (KKM ktieb tax-xahar n.15/16, 1972). Imma l-bord ħadem bla tfixkil.

Kif għedt, il-qofol tal-poeżija magħżula ttieħed minn *Il-Polz* u mill-antoloġiji li kienu ħarġu fl-aħħar snin, imma l-poeti ġew mistiedna biex jibagħtu materjal ġdid. L-għażla finali kienet f'idejn il-bord; jien kont il-ħolqa bejniethom. Il-produzzjoni kienet kollha f'idejja. Is-soltu d-disinn tal-qoxra kien jagħmlu Mario Azzopardi, imma għal *Linji Ġodda* ridt stil ġdid. Għalhekk ċempilt lil Gabriel Caruana biex itini permess nuża ċ-ċeramika tiegħu li tant kienet saħħritni meta rajtha esibita (dnub li fuq il-qoxra ma tidhirx bil-kulur). Gabriel qalli li dik kienet għand Richard England, imma ġabli l-permess u r-ritratt li minnu ħdimna l-blokka. (Il-ktieb inħadem fil-Lux Press bis-sistema *letterpress* u kont nitla' kuljum niċċekkja t-32 paġna li kien imiss jinġibdu fuq il-magna.)

Dwar l-isem, ħafna kummentaturi kitbu li dan kien traduzzjoni ta' *New Lines*, l-antoloġija magħrufa tas-snin Ħamsin fl-Ingilterra. Fil-fatt jien għażiltu, u insistejt fuqu, wara reċensjoni li kont qrajt fit-*Times* ta' Londra, bl-isem "New Directions in English Poetry". Il-kelma "direzzjonijiet" sibtha twila wisq għall-isem tal-ktieb u dawwartha f'"linji" – għax, għedt, kull linja għandha direzzjoni u se' twassal xi mkien. Barra dan, *Linji Ġodda* kien jaqbel mal-widna u mal-preferenza tiegħi għal titli qosra li jevokaw il-ħajja kontemporanea: *Antenni* (mid-dinja tat-televiżjoni), *Analiżi* (mid-dinja tal-psikanaliżi), *Linji* (p.e. tal-ferrovija, li jeħduna f'territorji ġodda; tat-telefon, li jgħaqqduna mad-dinja ta' barra; eċċetra).

Ċertament li l-akbar uġigħ ta' ras għalija f'*Linji Ġodda* kien Dun Peter! Bniedem li dejjem għandu x'jagħmel. U jien jeħtieġli nsus warajh bla waqfien biex neħodlu paġna wara paġna ta' kummentarju kritiku u ngħaddih lill-istampatur. Kien hemm drabi meta bdejt biex naqta' qalbi, nistennieh jasal fil-kamra tiegħu fl-Università sigħat sħaħ. Imma kont determinat li l-proġett narah mitmum. Meta l-ktieb tlesta, Dun Peter skanta kif kien irnexxieli "nisraqlu" daqshekk materjal.

Naturalment l-antoloġija fiha għadd ta' nuqqasijiet. L-ewwelnett, id-deċiżjoni ta' mitt poeżija kienet ambizzjuża wisq (illum anki t-taqsim ta' 10×10, għad li għandu l-importanza tiegħu, jidher xi ftit sterjotipat); it-tieni, kien hemm wisq ideat fl-għażla finali; it-tielet, kif stqarr miegħi, Dun Peter ġie kostrett li jikkummenta fuq għadd ta' poeżiji li għalih ftit kellhom mertu – ilment li raġa' tennieh f'intervista li għamlulu dan l-aħħar (ara *Mis-Sillabu*, Vol 1 Nru 6).

Illum, tnax-il sena wara l-ħruġ ta' *Linji Ġodda*, tinħass il-ħtieġa ta' antoloġija aktar aġġornata u magħżula b'akbar reqqa: inqas poeti (minkejja ż-żieda ta' xi ismijiet ġodda), tematika li tħares 'il quddiem ("Direzzjoni Disgħin"?) u għażla personali tal-kummentatur waħdu. Din hi idea li diġà bdiet tiċċaqlaq u forsi ma ndumux ma naraw antoloġija ġdida fuq dawn il-linji.

*2. Tajjeb li ngħidu illi fil-bidu tal-karriera tagħkom, intom il-poeti ta' wara l-Indipendenza sibtu oppożizzjoni qawwija mill-Iskola Tradizzjonali tal-Letteratura Maltija. Għaliex taħseb li qisukom daqstant "perikolużi"?*

Naturalment il-Moviment Qawmien Letterarju kellu l-egħdewwa tiegħu, imma dan il-konfront bejn it-"tradizzjonalisti" u l-"moderni" nsibuh jirripeti ruħu minn żmien għal żmien (bħad-djalettika *The Augustans* vs *The Romantics* fil-letteratura Ingliża). L-oppożizzjoni li kellna minn dawk li baqgħu strettament marbutin mal-prosodija tradizzjonali u ma' l-iskola ta' Dun Karm ma tantx inkwetatni. Forsi għax jien trabbejt fid-dell tas-siġra tat-tradizzjoni (tul snini fil-Liċeo u fl-Università, il-Belt), waqt li fl-istess ħin ħassejtni miġbud lejn xitel ġdid li 'l quddiem kellu jferrex egħruqu fija aktar fil-fond. L-ewwel poeżiji tiegħi kienu fi stil tradizzjonali, bħallikieku (bla ma ntbaht) ridt nagħlaq kapitlu qabel niftaħ wieħed iġded u aktar għal qalbi.

Imma aktar milli nipprova nanalizza lili nnifsi (u nagħmel xi froġa), aħjar inħalli lil Oliver Friggieri jitkellem fuq l-ewwel xogħlijiet tiegħi: "Fi *Kwartett* hemm tliet aspetti ewlenin tas-sehem ta' Fenech: (i) it-tkomplija tat-tradizzjoni, (ii) l-ewwel sentimenti tal-polemika letterarja, u (iii) l-ewwel passi deċiżi fil-programm ta' tiġdid. Nissuġġerixxi li dawn il-komponenti ta' l-ewwel identità tal-poeta jitqiesu kull wieħed għal rasu, waqt li fl-istess ħin nifhem li huma minsuġa stiq ma' xulxin, u li tkun ħaġa artifiċjali li wieħed ifittex fejn jibda u jispiċċa aspett u ieħor." ("Mid-Djalettika għas-Sintesi", *F'Altamira*, pp. 43–44).

Dan it-tiġdid tematiku u stilistiku – mhux tiegħi biss – kien jirrifletti l-klima ġdida li bdiet tinħass ġmielha fit-tieni nofs tas-Sittinijiet, aktarx bħala riżultat ta' l-Indipendenza tal-1964. Kienet bidla istintiva u naturali, u kienet tinħass fl-aħjar xogħlijiet li ħarġu mill-poeti tal-Moviment. (Ir-rinaxximent ma kienx biss fil-qasam tal-poeżija.)

It-tradizzjonalisti mhux kollha għamlulna battalja jew qisuna "perikolużi". Naturalment wieħed jiftakar fil-famuż każ tat-Teatru Manoel meta' f'lejla letterarja ċċensurawlna ħames kitbiet u dawru t-teatru b'għadd ta' pulizija pajżana għax ħasbu li se jinqala' l-inkwiet. Polemiċi fit-tul fil-ġurnali ma naqsux; hekk ukoll xi konfoffi puliti biex jiġbdu lil dan jew



**Dimostrazzjoni tas-CND favur il-paċi fi Trafalgar Square (1963)**

lill-ieħor mill-Moviment lejn għaqdiet aktar "rispettabbli". Min-naħa l-oħra kittieba stabbiliti bħal Wallace Ph. Gulia, Ġużè Cardona, Albert Cassola, George Zammit u Karmenu Vassallo kienu qraw ix-xogħlijiet tagħna u kitbu reċensjonijiet dwarhom bla ma ċaħdulna d-dritt li naqbdu direzzjonijiet differenti minn tagħhom. Wara kollox Gulia kien diġà beda juri tematika ġdida, waqt li Cassola, bħala editur ta' *Il-Qawmien*, kien jagħmel minn kollox biex iħeġġiġna niktbu fil-paġni tiegħu.

Biex inkun għedt kollox, fl-*Akkademja tal-Malti* kien hemm nies li mingħajr m'għamlulna battalji fil-miftuħ, ippruvaw joskurawna billi ma tawna ebda importanza u ebda spazju fl-organu uffiċċjali tagħhom, *Il-Malti*. Niftakar – għax dan kien atteġġjament li ħallieli togħma morra għal bosta snin – qatt m'għamlulna reċensjoni ta' *Antenni* u *Analiżi*, minkejja li ż-żewġ antoloġiji kienu ntbagħtu lill-editur. Kellhom spazju għal ktejjeb fuq

qaddisin u kappelli u vrus qabbiela, imma għalina ma kellhomx.

Darba ħesrem bagħat għalija l-Professur Ġużè Aquilina u dan riedni nippreparalu *short list* ta' poeti ġodda u xi poeżiji tagħhom biex jinkludihom fit-tielet edizzjoni ta' *Il-Muża Maltija*. Iltqajna darbtejn u kollox ma' kollox deher konvint mill-għażla tiegħi, imma ħafna drabi kkuntestaha fuq nuqqas ta' dixxiplina u libertajiet żejda minn għadd ta' poeti (per eżempju Bertu Marshall). Imma qal li ried ikun demokratiku u jagħti lil kulħadd iċ-ċans li jidher fil-*Muża*. Imbagħad, qalli, iż-żmien igħallem.

*3. Meta twaqqaf il-Moviment Qawmien Letterarju fl-1967 inti kont imsiefer l-Ingilterra, iżda nafu li kont qiegħed issegwi dak li kien qiegħed iseħħ f'Malta fil-kamp letterarju. X'tista' tgħidilna dwar il-klima letterarja fis-snin Sittin fl-Ingilterra meta mqabbla ma' dak li kien qiegħed jiġri hawn Malta?*

Jien kont Londra bejn Settembru 1966 u Ġunju 1967 għal kors imniedi mill-*British Council* dwar "Il-Kitba u l-Produzzjoni tal-Kotba ta' l-Iskola". Il-qagħda f'Malta kont nafha minn *l-orizzont* li dik il-ħabta kienet fetħet żewġ paġni ta' letteratura fil-ġimgħa biex l-awturi Maltin ikollhom fejn iperrċu l-kitba u l-opinjonijiet tagħhom. Lil Irene, illum il-mara tiegħi, kont tlabtha tibgħatli dawn il-paġni ta' *l-orizzont* regolarment, u hekk sirt "naf" kittieba bħal Oliver Friggieri, Mario Azzopardi, Frans Sammut, Raymond Mahoney, Achille Mizzi, Philip Sciberras u oħrajn – nies li ma kontx nafhom qabel. Aktar tard, lura f'Malta, kelli nkun magħhom fil-kumitat tal-Moviment.

Waqt li f'Malta dan in-nukleu ta' kittieba kienu bdew jiktbu f'idjoma ġdida li kienet tħaddan vini differenti mill-aħħar żviluppi Ewropej, f'Londra kienet qed isseħħ rivoluzzjoni soċjali-morali li naturalment ħalliet it-timbru tagħha fuq il-letteratura. Kien iż-żmien tal-*hippies*, tal-*flower power*, tal-*miniskirt*, tal-psikedelja, tal-mużika tal-*Beatles*, tal-marċijiet tal-*Ban the Bomb*, ta' l-*underground theatre*. Awturi bħal William Burroughs (*The Naked Lunch*) u Dave u Tina Cunliffe (*The Golden Convulvulus*) kienu qed jippruvaw jisfrundaw il-bibien taċ-ċensura, l-istess kif kienu qed jippruvaw jagħmlu diretturi ta' l-*underground cinema* fl-Amerika, fosthom Andy Warhole, li bena kult fuq il-*campuses* Amerikani. Din kienet rivoluzzjoni soċjali-morali li f'Malta kienet għadha 'l bogħod. Terġa' u tgħid, illum niddubita dik il-permissività kollha fejn wasslitna. Imma f'Londra tas-snin Sittin il-ġlieda sfrenata kontra kull xorta ta' tabù kienet għaddejja taħraq.

Fl-Università kellna Soċjetà tal-Poeżija u fis-sena tagħna waqqafna l-ġurnali *Mallett* u *Two Point Five*. Konna niltaqgħu kull ħmistax nhar ta' Ġimgħa filgħaxija u għadd ta' poeti magħrufa kienu jiġu mistiedna jaqraw ix-xogħlijiet tagħhom, u wara niddiskutuhom, bil-birra f'idejna.

Imbagħad kien hemm attivitajiet oħrajn f'postijiet differenti: il-Barrow Poets fil-*pub Devil's Printer*, wirjiet ta' *concrete poetry*, aktar qari minn poeti magħrufa f'serati organizzati f'*pubs* mid-direzzjoni ta' *The Tribune* u minn Howard Sargent, editur-direttur ta' *Outpost*, saħansitra *Poetry 'n Chips* fil-brejk ta' nofs in-nhar. Kienu jieħdu sehem poeti bħal Adrian Mitchell, Dannie Abse, Alan Brownjohn, Geoffrey Hill, John Heath-Stubbs, Thomas Blackburn, Edward Lucie-Smith, George MacBeth (li kien għadu kif żar Malta u ċċelebraha f'poeżija twila *Against the Sun*), Philip Hobsbaum, Vernon Scannell, Jeremy Robson u oħrajn. Mhux l-attivitajiet kollha kien ikollhom attendenza tajba. Niftakar lil Brian Patten jaqra għal għaxra minnies f'Better Books, quddiem Foyles. Min-naħa l-oħra s-serati *Poetry & Jazz* kienu jiġbdu mijiet ta' nies.

Kienu qegħdin isiru wkoll ħafna esperimenti interessanti. Per eżempju, is-*sound poems* ta' Bob Cobbings kienu xi ħaġa assolutament mhux tas-soltu. Aktar "kompartimenti" tradizzjonali, diddarba kitba u arkitettura, bdew jintrabtu f'għaqda organika ġdida u jidhru bħala *concrete poetry*. Hawn Malta, minkejja l-klima ġdida tas-snin Sittin, dawn l-esperimenti baqgħu u għadhom ma nħadmux.

Waħda mill-graffiti fuq il-ħitan *redbrick* ta' Carnaby Street, it-triq tal-moda żagħżugħa tal-psikedelja, kienet tgħid hekk: *Great to be alive*. U jien ngħid li f'Londra fis-snin Sittin kienet tassew ħaġa sabiħa li tkun ħaj u żagħżugħ. Kelli 31 u kont inħossni fl-aqwa tiegħi. L-atmosfera elettrikanti tal-belt kont inħossha l-ħin kollu. Tifkira poetika ta' din is-sena tinsab fiż-żewġ pubblikazzjonijiet li ħarġuli f'Leicester: *London Pictures & Other Poems* (Cog Press, 1976) u *Today I Waited* (New Broom Press, 1982), barra għadd ta' *broadsheets* minn stamperiji privati.



**Victor Fenech fil-pjazza ta' Trafalgar *(isfel)* fejn kiteb waħda mill-poeżiji l-aktar topiċi tiegħu, waqt marċ tas-CND (*Committee for Nuclear Disarmament*) fil-ħarifa tal-1966, u *(fuq)* Trafalgar Square f'buzzett mill-artist Rigby Graham li deher fil-ktieb *London Pictures & other Poems* għaxar snin wara.**



# IR-RABTA BEJN KARATTRI U UDJENZA FIT-TEATRU (2)

minn Ġużè Diacono

• jissokta minn paġna 230



Illum hawn min isostni li l-vjolenza u l-ħażen fil-films u t-televiżjoni qed iħassru lis-soċjetà. Jien ma' dan ma naqbilx wisq. Mill-ħafna miljuni li jaraw il-films u t-televiżjoni, huma proporzjon verament żgħir dawk li jiffurmaw il-klassi kriminali, jew aħjar, il-klassi marida psikoloġikament. Issa aħna lkoll għandna ġibdiet lejn xi għamliet ta' ħażen, imma aħna lkoll – barra dawk li għal xi raġuni ta' eredità, ta' trobbija, ta' ambjent soċjali, u x'naf jien, huma kondizzjonati ħażin – nirreżistu dawn il-ġibdiet, li jibqgħu ripressi fis-subkonxju tagħna. Aħna lkoll inħossu ċertu sodisfazzjon meta naraw xi għamliet ta' ħażen jew vjolenza – ngħidu aħna nħossu sodisfazzjon meta l-'Bad man'' f'xi film tal-Far West jisfa mtertaq bil-balal tal-protagonist. Dan m'hux sewwa, imma dan m'hux għajr il-vjolenza ripressa ġewwa fina li tkun tisfoga permezz tal-attur. B'danakollu, m'aħniex sejrin noħorġu nxejru l-pistoli u nifthu n-nar fuq l-ewwel kriminal li naraw. Dawk li verament ikunu influwenzati mill-għamil ta' vjolenza u ħażen fil-films fuq it-televiżjoni, huma aktarx dawk li ġa huma mħassra – u hawn huwa veru li l-films u t-televiżjoni jistgħu jagħmlu ħsara soċjali fis-sens li jżidu l-ħażen fejn ġa jinsab, jagħtu ideat, iżidu u jwebblu, u forsi jfixklu l-fejqan ta' marda soċjali.

Waqt dramm tajjeb li wieħed jaħkem lill-udjenza emozzjonalment; il-membri tal-udjenza jkunu l-ħin kollu jagħmlu paraguni personali, għalkemm inkonxjament, ma' dak li jkunu jaraw u jisimgħu. Il-firda – u dan hu importanti – il-firda li l-awtur, il-*producer* u l-atturi jridu jeliminaw mill-esperjenza drammatika m'hix il-firda fiżika bejn l-attur u l-udjenza, iżda l-firda drammatika bejn il-karattru, jew persunaġġ, u l-udjenza. Mhux attur, iżda karattru, ir-relazzjoni hija bejn l-udjenza u l-karattri, mhux l-atturi.

Ma nafx jekk nisgħux ingħidu li l-udjenza waqt esperjenza drammatika tkun dejjem tant kalma li tkun kapaċi traqqaq bejn it-tajjeb u l-ħażin jew li tirraġuna għal kollox skond il-loġika. Jaslu waqtiet ta' emozzjonijiet u interessi qawwija meta l-udjenza tħoss simpatija u mitlufa fir-raġunamenti tiegħu, li tħossha ħaġa waħda miegħu, u dik il-firda teatrali, dak il-bogħod bejn karattru u udjenza, jisfa fix-xejn.

L-awtur hawnhekk irid joqgħod attent, u mhux ftit – jeħtieġ jagħti kas tal-udjenza tiegħu. Biex jintegraha mal-ġrajja jrid jipprova jirbaħ is-simpatija u l-interess tagħha, imma ma jistax jisforza – ftit tal-esaġerazzjoni u s-simpatija tisfa sentimentalità. Bi skop serju forsi jipprova jdaħħak, imma jekk ma joqgħodx attent u jiżbalja d-doża, ftit ikun jonqos biex il-karattri, jew xi wħud minnhom, isirulu grotteski u d-dramm parzjalment, jekk mhux għal kollox isir farsesk. Eżempju ta' dak li jista' jiġri b'esaġerazzjonijiet bħal dawn, insibuh fid-dramm ta' Ġorġ Pisani, *Is-Sengħa tal-Imħabba*. Minn naħa għandna l-esaġerazzjoni emozzjonali meta Ġovann, Anton u l-qaddej Ċensinu jinfexxu jibku għax Ġovann telqitu martu li tisfa sentimentalità banali; mill-oħra għandna l-esaġerazzjoni komika fiż-żewġ xeni superfluwi bejn il-qaddejja Ċensinu u Nina, l-aktar meta din tibki lill-ġurdien mejjet, li jintroduċu l-element tal-farsa fi dramm serju ta' implikazzjonijiet soċjali.

L-awtur irid iqis l-effetti sewwa, u jeħtieġ li jżomm kontroll b'sens fin ta' proporzjon. Id-drammaturgu li jaf is-sengħa tiegħu jimxi b'passi kalkolati lejn il-*climax,* imma d-dehen drammatiku tiegħu jgħidlu fejn għandu jwaqqaf il-pass b'*anti-climax* emozzjonali jew ftit tal-umoriżmu spotaneu, biex tittaffa ftit it-tensjoni u l-udjenza tithejja għall-kriżi li tkun riesqa. Kultant, il-pass lejn il-*climax* jew il-kriżi jitlajjem, jekk mhux jitwaqqaf, bi ħsieb magħmul permezz ta' digressjonijiet, hekk li l-udjenza taħbat titlef sabarha għax trid taf x'se jiġri, u tiħrax it-tensjoni. Eżempju famuż ta' din it-tattika drammatika huwa l-*porter's scene* f'*Macbeth*, fejn wara l-qtil ta' Macbeth kollox jieqaf għal ftit minuti u sadattant nisimgħu l-garr tal-*porter*, li, madankollu, bi kliemu inkonxjament jikkummenta fuq il-qilla tas-sitwazzjoni u fl-istess ħin iżomm l-atmosfera ta' waħx.

Nagħti żewġ eżempji oħra, u dawn ukoll neħodhom minn drammi ta' Shakespeare. Lejn tmiem *Othello* kulħadd ikun anzjuż u mħasseb għal Desdemona hekk kif il-*Moor*, mogħmi mill-għira, ikun dieħel f'kamritha mitluf minn sensih – imma sadattant ikollna nitqannew bl-inċident relattivament insinjifikanti li fih Roderigo jindarab bi stalett; imbagħad, l-episodju f'*Lear* fejn,

minkejja l-ħrara li jkollna biex nieħdu aħbar Lear u Cordelia, li sadattant ikunu maqfulin f'ħabs, ikollna noqogħdu nisimgħu lil Edgar ilaqlaq l-istqarrija tiegħu. Dawn huma kollha digressjonijiet magħmulin bi ħsieb tattiku, biex l-udjenza tistrieħ mill-eċċitament u sadattant tiħrax it-tensjoni hekk kif toqrob il-kriżi li nkunu nistennew.

Irrid nagħmel enfasi fuq l-importanza tas-sehem li għandha tagħti l-udjenza biex iseħħ it-twaħħid tagħha mal-karattri. L-awtur ġa għamel sehmu billi ħoloq l-illużjoni tar-realtà bi rġiel u nisa f'sitwazzjoni li għandha minn awl id-dinja; il-*producer* u l-atturi tiegħu jidħlu fl-atmosfera u jirrappreżentaw il-parti ta' dawn l-irġiel u dawn in-nisa, imma issa jonqos li dawn il-karattri jieħdu ħajja drammatika, u biex dan iseħħ jeħtieġ li jkun hemm l-interess emozzjonali ta' dawk li jkunu jaraw il-konflitt bejn ir-rieda, ix-xewqa, ir-regħba, il-ħsieb inkompatibbli ta' wieħed ma' l-ieħor, jiġifieri l-interess tal-udjenza.

L-udjenza li tinġabar biex tara dramm, m'hix l-udjenza ta' ballett. Il-ballett ipaxxi l-gosti estetiċi, id-dramm iqanqal il-qalb. Kemm għall-ballett u kemm għad-dramm, l-udjenza trid tikkontribwixxi l-apprezzament intellettwali, imma waqt li fil-ballett tammira, fid-dramm iġġarrab – flimkien mal-karattri, iġġarrab l-esperjenza drammatika.

Il-kontribut tal-udjenza għandu jkun dak li taċċetta l-illużjoni tar-realtà, tissospendi għall-mument il-ġudizzju li s-siġra m'hix masġar, biex intenni l-eżempju famuż ta' Coleridge. Fl-esperjenza drammatika, aħna lkoll – awtur, atturi u udjenza – intennu l-"make believe" ta' tfulitna. Meta konna tfal, konna nilagħbu tal-papà u l-mamà, issa nilagħbu wkoll il-logħba tal-familja, iżda issa ma neqfux fl-apparenzi sempliċi u superfiċjali – naslu sa l-egħruq u jidħlu fil-logħba tagħna l-problemi, ir-responsabbiltajiet u l-għawġ tal-ħajja. U f'din il-logħba nidħlu bl-istess serjetà u ħrara li bihom konna nintilfu fil-logħob ta' tfulitna.

Fi kliem ieħor, jeħtieġ li l-udjenza tidħol b'ruħha u ġisimha f'dak li jkun qed jiġri fuq il-palk, u taċċettah bil-kondizzjonijiet kollha ta' żmien u ċirkostanzi li fihom tiġri l-azzjoni. Ngħidu aħna, jekk f'azzjoni drammatika mqiegħda fis-seklu sbatax, ikollna messaġġ ta' ħajja jew mewt li jrid jitwassal minn bastiment tal-qlugħ u mbagħad raġel fuq żiemel, ma nistgħux ngħidu li ma hemmx għalfejn nemozzjonaw irwieħna għax illum hemm it-telegrafu, anzi l-wajerless. Irridu nqiegħdu rwieħna fil-qagħda u fil-kondizzjonijiet li fihom jinsabu l-protagonisti tad-dramm.

Meta sar fuq l-MTV id-dramm tiegħi *L-Ewwel Jien!* il-kritiku ta' *Il-Mument* qal li l-emozzjoni fit-telespettaturi naqset xi ftit għax illum m'għadhiex tingħata l-forka li minnha kien qiegħed jibża' wieħed miż-żewġ persunaġġi ewlenin tad-dramm. Ma nistax nifhem kif kritiku jista' jmur imqarraq daqshekk f'apprezzament drammatiku. Id-dramm tiegħi ktibtu fi żmien meta s-soċjetà kienet tagħti l-forka bħala kastig lil min joqtol. Imqar li ktibtu ġimgħa ilu, jekk jiena nqiegħed l-azzjoni f'epoka li fiha kienet tingħata l-forka, dik hija ċirkostanza li trid tkun meqjusa mill-atturi u mill-udjenza, li bejniethom ikunu qegħdin jirriproduċu azzjoni drammatika f'ċirkostanzi u kondizzjonijiet ta' żmien ilu.

Jekk naraw dramm dwar l-inkwiżizzjoni, ma nistgħux ngħidu li l-emozzjoni fl-udjenza llum tonqos għax nafu li l-inkwiżizzjoni ilha li spiċċat. L-esperjenza drammatika trid mingħand l-udjenza l-kontribut tal-immaġinazzjoni u s-sospensjoni momentanea tal-ġudizzju fis-sens li taċċetta l-illużjoni tar-realtà. Li kellna nirraġunaw kif irraġuna l-kritiku li semmejt kien ikollna narmu l-biċċa l-kbira tad-drammi, u anki r-rumanzi klassiċi. Biex insemmi żewġ eżempji biss, konna nqiegħdu fuq l-ixkaffa żewġ drammi ta' importanza letterarja u storika bħalma huma *Erwieħ* ta' Ibsen u *Il-Ħajja ta' Galileo* ta' Bertolt Brecht. F'*Erwieħ* għandna lil Reġina u binha Oswald mwerwrin, għax Oswald, vittma tal-mard venereu li wiret mingħand missieru, sejjer jitlef dehnu; f'*Il-Ħajja ta' Galileo* għandna lil Galileo li jkollu jiċħad quddiem l-Inkwiżizzjoni dak li b'għerfu jkun ipprova dwar il-moviment tad-dinja – it-teorija ta' Copernicus – u mbagħad igħix priġunier f'daru ta' l-Inkwiżizzjoni sakemm miet disa' snin wara. Illum nafu li l-mard venereu jitfejjaq, u li persekuzzjoni bħal dik li ġarrab Galileo minħabba l-injoranza u l-preġudizzju m'hix possibbli. Imma b'dan kollu m'aħniex sejrin nitilfu l-gost u s-sodisfazzjon li nħossu meta naraw dawn iż-żewġ drammi kbar. La tonqos l-emozzjoni, la jittaffa l-interess, u lanqas ma tittiefes il-validità ta' dak li jingħad u dak li jiġri. Dak li nagħmlu huwa li, qisu bla ma nintebħu, naċċettaw iċ-ċirkostanzi li fihom tiġri l-azzjoni bħala reali, veri u validi – jiġifieri nintegraw ruħna fihom kif nintegraw ruħna fl-azzjoni. Dan jiġri meta naraw azzjoni mibnija fuq l-elementi ta' ħrafa, bħalma hija, ngħidu aħna *Il-Bajda Silġ u s-Seba' Nani*, aħseb u ara meta naraw, jew nisimgħu, ġrajja miktuba u maħduma biex tipproduċi episodju mill-ħajja reali.

Kollox jiddependi mill-ħolqien u l-aċċettazzjoni ta' l-illużjoni perfetta tar-realtà. Madankollu, illum, anzi sa minn bosta snin 'il hawn, it-teatru, f'idejn kittieba bħal Brecht minn naħa u Ionesco u Becket mill-oħra, esperimentaw bl-"*anti-play*", bħalma fil-poeżija u fir-rumanz għandna l-"*anti-poetry*" u l-"*anti-novel*".



• **jissokta f'ħarġa oħra**

LIVELL "A"

# SUNETT TA' DUN KARM MIBDI LIL MUSSOLINI

Analiżi ta' Marlo Azzopardi



Mussolini u mexxejja militari faxxisti jimmarċjaw f'Ruma

FL-1935, L-INTELLETTWALI GIUSEPPE BOTTAI, sostenitur u kritiku tal-Faxxiżmu fl-istess waqt, kiteb illi fl-interventi ta' l-avventura Faxxista fl-Afrika kien hemm il-ħsieb tas-sovverżjoni ta' l-ordni internazzjonali.[1] Mussolini l-politiku ħoloq għalih innifsu stat ta' kunflitt dwar liema tip ta' *rivisionismo* kien ser iħabbar bħala l-aħħar strateġija tiegħu. Mill-1936 'il quddiem beda jidher ċar illi l-mexxej Taljan kien qabad it-triq irrevokabbli tal-gwerra.

Il-mixja tal-Ġermanja mill-invażjoni tal-Polonja (1939) 'il quddiem ġiegħlet lil Mussolini jikkunsidra l-gwerra bħala alleat ta' Hitler, imqar jekk kien jaf illi l-Italja ma kinitx ekonomikament u militarment lesta biex tidħol f'kunflitt militari qabel l-1943–44. Malli deher li Hitler kien xejjen ir-reżistenza ta' l-armata Franċiża, Mussolini ddikjara l-gwerra mill-gallerija tal-Palazzo Venezia, fl-10 ta' Ġunju, 1940. Bejn l-ansjetà impulsiva li jissieħeb man-Nażisti u l-impossibbiltà materjali li jingaġġa ruħu fil-kunflitt, Mussolini ntrebaħ mill-ewwel għażla. B'konsegwenza kellu jqiegħed lill-poplu Taljan għall-umiljazzjoni li jaċċetta li l-esperti polizjeski u militari Tedeski jidħlu Ruma biex jissorveljaw l-istrateġija Taljana.[2]

Malta, bis-simpatizzaturi Faxxisti f'qagħda imbarazzanti, sofriet l-ewwel attakk mill-ajruplani Taljani l-għada stess tad-dikjarazzjoni ta' gwerra mid-Duċe, li ried sehem ta' malajr mill-artijiet Franċiżi ppenetrati min-Nażisti. Wara l-ewwel attakki fuq l-inħawi ta' Sant'Iermu, Tal-Pietà u tas-Sliema, Dun Karm fittex il-kenn ma' qrabatu f'Ħaż-Żebbuġ.[3] Fid-19 ta' Awissu kiteb lil Ġużè Aquilina u għarrfu, fost ħwejjeġ oħra, li beda jikteb "sunett bil-*lingua nostra* lil Mussolini" iżda li ma setax jagħlqu. L-ewwel u l-uniċi żewġ versi tal-kompożizzjoni huma dawn:

*E pare che sta volta Mussolini*
*Abbia fatto i conti senza l'oste...*[4]

Jidher mill-ittra ta' Psaila li Aquilina nnifsu kien għadu kemm ikkompona sunett lill-Ingilterra,[5] eżerċizzju li jista' jinftehem aħjar meta wieħed jikkunsidra li Aquilina kien diġà beda jqis illi ż-żewġ kolonni tal-ħajja fil-pajjiż kellhom ikunu "r-rabta reliġjuża ta' Malta mal-Knisja Kattolika, wir-rabta tagħna ma' l-Imperu Ingliż",[6] fehmiet li kienu qegħdin jixxandru mqar f'rivisti letterarji bil-Malti li magħhom Aquilina kien marbut mill-qrib.[7]

Il-kjarifika dwar id-destinatarju li rċieva l-ittra ta' Psaila hija meħtieġa minħabba t-tifsira ambivalenti li tista' tissuġġerixxi l-kwalifika *lingua nostra*[8] li ntużat biex tinforma li s-sunett inbeda bit-Taljan, ilsien li l-poeta dejjem żamm b'riverenza, imqar jekk wara l-konverżjoni lingwistika tiegħu ġieli fehem li qabel l-1912 (id-data meta beda jikteb bil-Malti) sata' kien qed jittradixxi l-kuxjenza nattiva tiegħu.[9] Il-frażi *lingua nostra* tista' tingħata interpretazzjoni ironika fil-kumpless taċ-ċirkostanzi mħawdin li kkaratterizzaw il-kwistjoni twila tal-lingwa u r-rebħa relattiva, sa dak il-waqt, li l-Malti kien għamel fuq it-Taljan, kwistjoni li baqgħet kumbattuta għallinqas sas-sena 1949, meta *Leħen il-Malti,*[10] permezz ta' editorjal miktub minn Aquilina nnifsu, fakkar fl-ispettru ta' l-Italjanità bħala l-prerogattiva ta' ftit nies li rnexxielhom joħolqu f'Malta "letteratura Taljana".

It-tieni konsiderazzjoni tinteressa t-ton tas-sunett mibdi minn Psaila, saċerdot ta' dispożizzjoni sobrija u malinkonika[11] li kien imbiegħed mit-ton tal-polemika, imqar umoristika. It-tentattivi ta' Psaila b'poeżija "sarkastika" huma rari, aktarx dgħajfin[12] u ma jixirqux lid-dekor tal-fehmiet neoklassiċi tiegħu. Ġeneralment Dun Karm ħaddem is-sunett għal argumenti serji u dejjem ta valur lil din il-forma saħansitra mill-aspetti storiko-letterarji tagħha bir-reqqa ta' studjuż "tas-sunettisti kbar kollha ta' sitt sekli, minn Cavalcanti sa Carducci".[13] Huwa lemaħ f'din il-forma "ġeneru poetiku tqil ħafna li ħoloq problemi saħansitra lill-poeti l-aktar ta' ħila f'kull nazzjon, u dawn irnexxielhom biss bis-sagrifiċċju joħolqu wħud li għandhom l-ogħla siwi".[14]

L-intenzjonijiet ta' Psaila dwar il-kompożizzjoni mibdija lill-Mexxej Taljan ikomplu jħawdu jekk wieħed jikkunsidra li l-poeta emmen u għallem li s-sunett għandu jinkorpora "ħsieb qawwi, għoli u sabiħ li jnissel fil-qarrej marka li ddum, u tnibbet ġewwa fih sentimenti ta' ferħ jew ta' niket li qatt ma ġarrab qabel", u dan għax din il-forma dekoruża tixbah "libsa meħjuta għal persuna ta' qagħda sabiħa u delikata".[15]

Mussolini jidħol f'dan il-kwadru u minnufih jitħabbru ekwivoċi aktar fitti dwar il-modi diversi li Dun Karm sata' jivvaluta bihom lill-persunaġġ tas-sunett. Wieħed irid jiftakar li Mussolini kien sab xorti mhux biss ma' politikanti ewlenin ta' żmienu bħal Churchill, Gandhi, Hitler, Emil Ludvig, Ramsay Macdonald u F. Von Papen, iżda wkoll ma' l-istess Knisja Kattolika,[16] li kienet ir-*raison d'être* tal-poetika komplessiva ta' Dun Karm.

F'dan id-dawl, it-tri-angolazzjoni *Mussolini-Vatikan-Ingilterra* f'moħħ il-poeta setgħet kienet leċita u mingħajr kontradizzjoni. Dan it-trijanglu, wara kollox, kien preżenti kontinwament f'Malta u kien imċaqlaq u rranġat minn żmien għal ieħor. Mexxej bħal Strickland, ngħidu aħna, kien Kattoliku prattikanti u fl-istess waqt magħdud bħala *persona non grata* mill-Vatikan fi żminijiet meta Palazzo Ghigi kien qed jaħdem bi strateġiji alternati jew simultanei daqqa favur il-Vatikan u daqqa favur il-Kuruna Ingliża. Saħansitra, biex jintemmu t-tilwimiet li kien qanqal il-kleru politiċizzat f'Malta bejn il-Vatikan u l-Ingilterra, Strickland, fil-pożizzjoni tiegħu ta' mexxej tal-Ministeru Malti, apoloġizza lill-Vatikan f'diskors li għamel fil-*House of Lords* f'Marzu tal-1931.[17]

Dawn il-kontrapożizzjonijiet u dawn il-kombinazzjonijiet Dun Karm sata' jagħraf li kienu l-*modus vivendi* ta' poplu li d-destin tiegħu deher li kellu jkun wieħed ta' kompromessi.[18] Kienu tattiċi li pubblikament ipprova jagħti l-impressjoni li ma kinux jolqtuh iżda fil-fatt, (kif intwera aktar 'il quddiem) l-intriċċi politiċi fil-gżira ffurmawlu fehmiet bi-partiġġjani, b'devozzjoni lejn il-Vatikan (b'dak kollu li jirrappreżenta jew jaċċetta), u lejn il-Kuruna Ingliża. Dan kollu wieħed irid iżommu quddiem għajnejh biex tkun żviluppata teorija dwar kif, privatament, Psaila beda jaħdem fuq sunett lil Mussolini, xogħol li ma jidhirx li ntemm u li, wara kollox, ma jidhirx li kien maħsub għall-konsum popolari.

## IL-QIMA TA' DUN KARM LEJN IS-SUNETT

Ta' min jiftakar li Dun Karm kien jaf li s-sunett huwa l-qafas *superbissimo* ta' Dante. Drabi oħra Psaila deher "jislet il-kliem ta' Giosuè Carducci li sejjaħ lis-sunett *breve e amplissima carme* u għalhekk is-sunett, għad li jaqdi tajjeb lil kull xorta ta' argument, qatt ma kien u aktarx ma jkun qatt l-għanja tal-poplu".[19] Minn hawn jidher li mqar jekk l-intenzjoni ta' Psaila kienet ironika fil-konfronti tal-mexxej Taljan, qatt ma sata' kien hemm il-ħsieb ta' affermazzjoni "popolarizzata" dwar il-fehmiet tiegħu konnessi ma' Mussolini. Din l-attitudni, imseddqa wkoll mill-fatt li s-sunett ma nbediex bil-vernakular iżda b'lingwa privileġġata tradizzjonalment, tkompli tixħet dwal fuq l-inibizzjoni soċjali li fil-poeta u fis-saċerdot tidher li kienet qed taħdem kontinwament. Fuq il-livell nazzjonali, letteratura li tattakka lill-mexxej Taljan f'dawk iċ-ċirkostanzi kienet tkun taqbel mas-sentimenti tal-poplu, kif deher mill-folla li ngħabret tipprotesta quddiem l-istamperija tal-*Malta* fi Strada Zekka, u saħansitra farrket l-irħama kommemorattiva lil Fortunato Mizzi.

Huwa għalhekk illi fil-versi lil Mussolini, l-interkoluzzjoni Croċjana dwar il-valur intrinsiku ta' l-estetika fiha nfisha tista' ma tirkaċċax biżżejjed, u minflok aktarx li tixraq aktar kritika politiko-letterarja[20] li tinteressa ruħha mill-kontenut ideoloġiku-storiku. Minn dan l-aspett, l-intenzjonijiet u mqar l-ommissjonijiet kontenutistiċi ta' Dun Karm jistgħu ma jibqgħux jidhru fis-superfiċju (f'dan il-każ, "ironiku") tagħhom, iżda jidhlu fi sfera ta' plawsibbiltà miftuħa biex tħaddan fehma soċjo-politika u kulturali espansiva.

M'hemmx dubju illi Dun Karm huwa mbiegħed għal kollox mill-ewwel Mussolini mnebbah soċjalment minn Pareto, Sorel u l-*Übermensch* romantiku ta' Nietzsche.[21] Bħala persunaġġ timidu u bħala qassis, Psaila lanqas ma sata' jilqa' l-affermazzjoni vjolenti ta' l-iskwadristi Faxxisti u ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-massakru ta' Matteotti u oħrajn.[22] Iżda bħala saċerdot Kattoliku li għalih "il-kelma tradizzjonali tal-Papa kienet kollox"[23] Dun Karm sata' emmen fil-"konverżjoni" ta' Mussolini. Fi żmien Psaila kien jeżisti kurrent qawwi li laqa' t-twemmin Faxxista bħala att providenzjali, l-aktar wara ċ-ċaqliqa drammatika ta' Mussolini favur it-tradizzjoni Rumana "rappreżentata mill-Kattoliċiżmu".[24] Min-naħa l-oħra, dejjem f'kuntest saċerdotali, Psaila sata' jsegwi l-polemika li tqanqlet f'Ruma fl-1931 dwar l-*Azione Cattolica* u l-oħra fl-1938 dwar iż-Żwiġijiet Imħallta fl-Italja. Id-dibattitu ħoloq tensjonijiet imġedda u serji bejn il-Vatikan u d-Duċe. Dan jista' juri li bejn il-konverżjoni Kattolika ta' konvenjenza li ddikjara Mussolini u l-vjolazzjoni tal-Konkordat minħabba l-politika razzista tal-mexxej Taljan fl-1938,[25] Psaila, dejjem sottomess għall-eżempju tal Vatikan, sata' ma kellux kriżijiet ta' kuxjenza dwar xi għamla ta' ġibda moħbija lejn il-kap politiku Taljan. Ladarba saċerdot, Psaila kien iħossu "saċerdot tat-tradizzjoni reliġjuża rappreżentata mill-Papa".[26]

Fid-dibattitu dwar il-versi lil Mussolini trid tingħata attenzjoni lill-għażla formali. Kritiku bħal Richards hu tal-fehma li l-forma metrika għandha ssostni t-ton tal-kompożizzjoni, filwaqt li ma tistax tinqata' mis-sens u l-emozzjoni. Il-moviment fiż-żewġ versi li laħaq ikkompona Dun Karm huwa mmexxi minnufih minn litteraliżmu argumentattiv li jifred il-politika ġenerali ta' Mussolini minn mument partikolari: *E pare che sta volta...* It-temp konvenzjonali tal-kompożizzjoni, aċċentwat mill-qawl popolari Taljan fit-tieni vers, hu nieqes min-nebh u mid-dekor tar-reġistru meħtieġ f'sunett. Ir-relazzjoni inevitabbli bejn il-materja u l-forma, li Psaila tant saħaq dwar il-purità klassika tagħhom, hawnhekk tiddgħajjef. Iż-żewġ versi jidhru li tnisslu konxjament minn repertorju mkejjel li xi ħadd bħal Richards iqis li jiġbed lill-qarrej biex jaġixxi bi *stock response* konvenzjonali: *with stock response... the dominating interest is excessively ordinary.*[27] Fi kliem ieħor, il-konkordanza bejn il-materja u l-forma fl-eżerċizzju sunettistiku ta' Dun Karm hawnhekk tidher nieqsa minħabba mottivi li jidhru li essenzjalment jistgħu jkunu riżultat ta' preokupazzjoni mnissla mill-aħbar ġurnalistika.

**Benito Mussolini mal-poeta Gabriele d'Annunzio**



Hemm imbagħad konsiderazzjoni oħra li tista' tkompli tinteressa t-teknika mħaddma fiż-żewġ versi. Minkejja l-kollokjaliżmu verbali, it-tifsila tal-versi tirnexxi f'mixja ritmika regolari bis-saħħa ta' l-endekasillabu klassiku li jwaqqa' l-aċċenti fuq is-sitt u l-għaxar sillaba (fit-tieni vers, Psaila juża d-djaresi biex jaċċerta li jsegwi l-esiġenzi ta' l-aċċent). L-andament huwa komuni f'Monti, il-poeta ottoċentesk li ħalla marki ċari biżżejjed fuq Psaila u oħrajn li addattaw dan ir-ritmu.

Hemm diwi ieħor minn poeti romantiċi[28] li jidher fl-użu tal-konnettiv *E*... li jiftaħ is-sunett u li jissuġġerixxi minnufih li Psaila kien ilu interessat fil-politika ta' Mussolini. Jidher li hemm eżitazzjoni jew nuqqas ta' konvinzjoni ċerta dwar riflessjonijiet preċedenti li ma tlissnux. Jekk hemm implikazzjoni kritika fiż-żewġ versi, hija waħda riflessiva u magħżula. Il-konċezzjoni hija waħda mekkanika, mgħobbija b'taħdit ta' kuljum u nieqsa mill-moviment poetiku pur. Din l-għamla ta' espressjoni tista' turi li l-preokupazzjoni ewlenija hi waħda *politika*, imqar jekk riservata u mliġġma għal raġunijiet ta' awtoċensura.

## DUN KARM U L-AĦBAR INTERNAZZJONALI

Jekk tista' taċċetta l-premessa li Dun Karm sata' kellu xi fażi ta' ġibda moħbija lejn Mussolini, l-avverb ta' żmien *sta volta* fl-ewwel vers mhux biss jirreferi għal interess fil-medda storika (passat-preżent-futur) ta' l-attività ta' Mussolini, iżda jorbot mas-sens li *din id-darba partikolari*, bħala kalkulatur politiku, il-mexxej Taljan ċajpar il-viżjoni strategika tiegħu. Jiġifieri jistgħu jeżistu fiż-żewġ versi ammissjonijiet impliċiti dwar il-livell tas-suċċess politiku fil-mexxej Taljan. Psaila sata' wasal għal dawn il-konklużjonijiet għax kien f'qagħda privileġġata bħala akkademiku u bibljotekarju li jsegwi l-aħbar internazzjonali. Fil-kumpless tal-mixja politika ta' Mussolini, lil Dun Karm setgħu interessawh dawn il-konsiderazzjonijiet:

(i) Sal-bidu tas-snin Tletin Mussolini kien xejjen l-aħħar reżistenza li offrew il-Libjani u ra sseħħ il-ħolma ta' dawk kollha li riedu l-espansjoni kolonjali Taljana sabiex il-poplu proletarju sata' jistabbilixxi ruħu fl-Afrika u hekk titwaqqaf "l-emorreġija ta' l-emigrazzjoni mill-peniżola".[29]

(ii) F'Ottubru ta' l-1935 Mussolini invada l-Abbisinja bil-bombi, bl-artillerija u bil-gass tal-velenu; l-armata tribali tal-post ċediet fi ftit xhur u d-Duċe ħabbar lill-poplu Taljan li ħeles lill-Abbisinja mill-jasar u qiegħed il-pedamenti biex jinbena l-imperu Ruman il-ġdid.

(iii) Bejn l-1936 u 1939 Mussolini ngħaqad ma' Hitler biex jibgħat l-għajnuna lil Franco, sur lehor tal-kawża Kattolika anti-Komunista, biex setgħet tixxejjen ir-reżistenza anti-Falanġista fi Spanja.

(iv) F'April tal-1939, imwebbel mill-eżempju ta' Hitler, li okkupa ċ-Cekoslovakkja, id-Duċe ordna l-ħtif ta' l-Albanija, art mingħajr difiża, filwaqt li xahar wara ffirma l-*Patt ta' l-Azzar* bejn l-Italja u l-Ġermanja.

Imqiegħed fuq dan l-isfond, id-dħul ta' Mussolini fil-gwerra bħala alleat ta' Hitler jista' juri lill-mexxej Taljan f'riljev drammatiku u robust li Dun Karm sata' lemaħ fih l-eroj imwaqqa', ikkonfrontat mill-ostilità negattiva li taġixxi fih u li tressqu lejn stat ta' telfien. F'dan is-sens *i conti senza l'oste*[30] (mifrudin mill-konnotazzjoni idjomatika komuni tagħhom) jistgħu jsiru l-mottiv emblematiku ta' l-eroj fallut, il-protagonista li jsir vittma ta' dgħajfien intern li jaqleb l-ewkilibriju morali tal-viżjonarju li qabeż il-limiti. It-telfien ipotetiku ta' Mussolini fil-ftuħ ta' l-ewwel vers ma jibqax biss fatt liriku pesonalizzat, iżda joqrob lejn destin morali li jikkundannah għat-tirannija li jġarrab fih innifsu.

Oriġinarjament, fl-1919, il-Faxxiżmu ma kienx moviment ta' ideat u ma kellux pretensjoni intellettwali. Iżda mbagħad l-Istat akkwista s-servizzi ta' wħud mill-aħjar ħassieba bħal Bottai, Gentile, Maggiore, Volpicelli, Arrigo Solmi, De Stefano, fost l-oħrajn. Permezz tagħhom, u wkoll minħabba li tħallew jiċċirkolaw rivisti anti-Faxxisti bħal *La Cultura* (De Lollis) u *Critica* (Croce) ir-reġim ħoloq fórma ta' kompatibbiltà bejn morali, intelliġenza, puritaniżmu, ordni u sistema statali. Ix-xebh huwa kurjuż u minn xi daqqiet fitt biżżejjed.

*Il-moralità, ir-reliġjożità* u *l-ekwilibriju* huma distintivi klassiċi li jinsabu kemm fil-programm etiku-politiku ta' Mussolini kif ukoll (iżda mhux f'sens ta' rabta) fix-xogħol komplessiv ta' Dun Karm. Tqabbil bejn l-insistenza didattika fuq l-"ispiritwalità tal-wieħed u ta' l-ieħor għandu jikxef strati ta' interess ġdid fl-essenzjalità konċettiva mhux biss ta' l-ordni morali purifikat, iżda wkoll fil-viżjoni koreografika ta' nazzjonaliżmu li ntrabtu miegħu, b'modi differenti, iż-żewġ persunaġġi (imqar f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-għarfien tal-poter ekkleżjastiku).

L-impenn istruttiv fi Psaila huwa mibni fuq programm ta' tagħlim morali u ċivili li jibda mill-formazzjoni tal-karattru biex titwettaq "is-sura taż-żagħżugħ irżin u qalbieni",[31] filwaqt li l-pajjiż għandu jgħallem liż-żgħar l-obbligi nodfa tar-reliġjon imbnebbhin mill-ġrajjiet il-kbar ta' l-eroj.[32] L-immoralità hija l-aqwa essenza li jgawdi min jiċċelebra l-qlubija tal-ġrajja nazzjonali kontra l-bruda u l-indifferenza reliġjuża u morali.[33]

L-istess insistenza fuq ir-reliġjożità u l-moralità tal-pajjiż jidhru fil-politika dottrinali ta' Mussolini,[34] li taqbeż il-ħtiġijiet intellettwali ta' l-individwu biex tħaddan l-interessi nazzjonali b'sens ta' "liġi morali, tradizzjoni morali u missjoni..." mibnija fuq "id-dmir". "L-eżistenza spiritwali" ta' l-individwu għandha tikkonsisti fis-"sagrifiċċju" u fir-"rinunzja tiegħu nnifsu permezz tal-mewt innifisha...", u għaldaqstant jeħtieġ li jkun hemm kultura mibnija fuq mudelli kbar, biex iċ-ċittadini ma jkollhom l-ebda azzjoni "li taħrab mill-ġudizzju morali" u l-iskop "morali" tal-ħajja. Fil-fehma ta' Mussolini, il ħajja għandha tkun meqjusa skond il preċetti ta' "qawwiet morali, suġġetti għar-responsabbiltajiet reliġjużi", f'relazzjoni ma' "Ordni Ogħla"; il-ħajja m'għandhiex tkun fiergħa iżda "serja, awsterja, reliġjuża", topponi l-liberaliżmu u l-individwaliżmu. Il-Faxxiżmu ried "jeduka" u "jkun il-promotur ta' ħajja spiritwalizzata", bl-iskop li jkunu ffurmati "il-karattru" u l-fidi, permezz tad-"dixxiplina" u "l-awtorità".

Mill-aspett ta' ideoloġija letterarja, il-Faxxiżmu laqa' l-ideali determinanti dwar l-ambjent rurali u l-paesaneità, marbutin b'sentimenti qawwija mat-tradizzjoni, kuntrarju għall-influssi barranin u ċ-ċiviltà modernista.[35] It-tradizzjoni tad-drawwiet kampanjoli, il-mitizzazzjoni

tal-virtujiet nazzjonalistiċi bis-saħħa tal-morali u l-istil puritan, huma kondizzjonamenti ferventi fi Psaila wkoll.[36]

Fil-fehma ta' Mussolini l-għaqda korporattiva kienet waħda mill-massimi fundamentali li telimina l-klassijiet kollha u toħloq "ġisem wieħed ta' ħaddiema".[37] Il-ħaddiema kellhom jingħaqdu fis-saħħa u fl-ispirtu taħt il-ħarsien ta' min jaħkem.[38] Permezz tal-ħolqien ta' viżjoni grandjuża nazzjonalistika, il-mases, permezz ta' l-ispettakolarità kienu mħeġġin biex jipparteċipaw f'manifestazzjonijiet li jerġgħu jqajmu "l-ideali tas-sbuħija u tal-perfezzjoni" b'wiri sħiħ ta' qima "lejn il-poeti kbar qodma ta' l-antikità".[39]

Id-duttrina artistika Faxxista kienet tinsisti dwar il-ħsieb tal-konsagrazzjoni ta' l-arti, li kellha tkun waħda sempliċi u popolarizzata, "bi kliem magħżul biex jintlaqa' mis-sentimenti tal-massa". Kellha taqdi "sens ċivili" u titbiegħed "mill-intellettwaliżmu sterili".[40] In-naturaliżmu u l-veriżmu kellhom jitwarrbu għax jitilfu definittivament "kull kuntatt mar-ruħ".[41] Huma kotrana fi Psaila elaborazzjonijiet ta' din ix-xeħta, li ċaħdu kemm-il darba l-mondaneità u l-"bizzarrija" tal-impenn artistiku modern biex iħaddnu fehma unitarja ta' patrija idealizzata b'lehma reliġjo-ċivika.

Hemm ukoll qbil dwar ir-rabta Kattolika. F'Dun Karm il-Kattoliċiżmu hu dottrinali u assolutista u fil-mexxej Taljan sfruttista. Iżda fiż-żewġ persunaġġi r-reliġjon hi kkonsidrata bħala *instrumentum regni*, konċepita f'sens konkordarju mxettel diġà minn Benedittu XV u konsolidat b'mod enfatiku minn Piju XI. Filwaqt li Mussolini rrealizza t-tradizzjoni mastizza tal-Knisja Rumana, Psaila rrinforza t-tradizzjoni Kattolika tiegħu billi fdaha taħt il-protezzjoni tal-Brittanja, mhux biss bħala fidi, iżda wkoll bħala parti mis-saltna.[43] Fiż-żewġ persunaġġi eżista wkoll il-ħsieb taċ-ċiklu reċiproku Stat-Knisja-Stat, bir-reliġjon ipproklamata bħala formola li tiggwida lill-fidili biex jaċċettaw stat ta' fatt b'rispett u b'ubbidjenza.[44]

L-istorja wriet illi Mussolini ried jissellef it-tradizzjoni anti-liberali tal-Knisja Kattolika biex ikompli miexi lejn l-iskopijiet tiegħu, l-istess kif il-Gvern Kolonjali f'Malta ħadem mal-Knisja biex jinnewtralizza l-aġitazzjoni tal-mases. L-influwenza qawwija ta' taqsimiet mill-kleru Malti fuq il-mases "umli" kienet ikkonfermata minn emissarji tal-Vatikan stess.[45] Fl-aqwa żminijiet tar-relazzjonijiet kordjali bejn is-Santa Sede u Mussolini, il-Knisja f'Malta kienet qed tibża' li ser "tkun imneżżgħa mill-proprjetà tagħha".[46] Fl-1929, meta Mussolini kien qed ikun magħfus biex jindaħal fil-kwistjoni ta' Malta, Mons. Pasquale Robinson, mibgħut tal-Vatikan, filwaqt li attakka lil G. Strickland bħala politikant "tal-vendetta",[47] kellu jistqarr illi *la maggior parte del popolo deve lavorare duramente per guadagnarsi appena il pane ed ove esiste tanta tanta povertà.*[48] F'diskors lill-pellegrini minn Malta fit-22 ta' Lulju, 1929, il-Papa spjega illi l-Maltin kellhom jibqgħu "ma' l-Isqfijiet u mal-Papa", għażla li tfisser li huma wkoll ma' (San) Pietru u mal-Knisja, biex hekk setgħu jikkumbattu *il potere delle forze avverse.*[49] Il-Papa aċċerta wkoll lil dawk preżenti illi *i Maltesi, quando si tratta di fedeltà alla Santa Sede e alla Chiesa di Roma, sono invulnerabili.*[50]

F'gazzetti bħal *Malta* bdew jidhru rapporti spissi dwar



Matteotti: assassinat



Il-Papa Pacelli: ammiratur ta' Mussolini

is-solidarjetà tal-Knisja Maltija mat-tmexxija ta' Mussolini. Kien irrappurtat, fost oħrajn, illi waqt żjara ta' pellegrini minn Malta f'Ruma Monsinjur Gonzi "stieden lill-Maltin li kienu marru l-Vatikan biex igħollu idejhom (bħat-tislima Rumana) biex jaħilfu fuq il-qabar ta' S. Pietru".[51] L-istess ġurnal Mizzjan kien qiegħed iqis illi "mid-dlamijiet ħareġ id-dawl tal-Faxxiżmu li hu destinat sabiex idawwal kollha kemm hi d-dinja".[52] Fl-Italja nfisha l-Isqof Caruana kien intlaqa' mill-Papa u ssejjaħ "prelat illustri li qiegħed jikkumbatti battalja nobbli b'difiża għar-Reliġjon u l-Italjanità ta' Malta".[53]

Ftit wara l-Konkordat, l-istampa anti-Mizzjana bdiet takkuża lil Nerik Mizzi li ried jidher bħala Kap ta' Partit Taljan f'Malta u li, fi kliem Mons. E. Dandria, kien "estremist l-iżjed perikoluż għall-interessi ta' Malta".[54] Ir-reġim ta' Mussolini beda jkun attakkat sistematikament talli żarma l-oppożizzjoni u eżilja l-priġunieri politiċi wara sentenzi mingħajr ġuri, u li ekonomikament kien wassal lill-Italja sal-punt tad-diżastru, bil-qgħad jitla' għal 70%, bi 'l fuq minn 1200 ażjenda falluti u ċifra ta' 40,000 Taljan li fl-1929 bidlu s-sudditanza.[55] Il-poplu kien imwissi wkoll li jekk jidħol il-Faxxiżmu f'Malta wieħed kien jistenna li l-intellettwali jkunu eżiljati fi żmien jumejn.[56] Tfakkar ukoll li taħt Mussolini kienu sekwestrati 406 ġurnal, saru mat-3,000 arrest, sfaw sakkeġġjati d-djar ta' nies bħal Gonzales, Dugoni, Schiavi, Pierre, Chiesi fost mijiet oħra, filwaqt li Matteotti, Minzoni u Lucci sfaw assassinati.[57]

Fost dawn il-fehmiet konfliġġenti Mons. Carmelo Psaila rriserva l-espressjoni, u deher jirnexxilu jaddatta l-imġiba biex, fl-istess waqt, jidher f'dawl ta' fedeltà lejn il-Vatikan (alleat ta' Mussolini mqar jekk f'ċirkustanzi opportunistiċi) u lealtà lejn il-Brittanja. Huwa ċar li uffiċċjalment, il-Knisja u l-organi li sostnewha emmnu fil-fidwa ta' Mussolini, filwaqt li politikament, ir-reliġjon tressqet qrib ħafna tal-ħsieb patrijottiku. Iż-żewġ mottivi huma kontinwament preżenti f'Dun Karm u m'huwiex faċli tifhem kif il poeta sata' ddevja minn din il-qagħda li, fl-essenza tagħha hi kollha kemm hi Mizzjana.[58] Il-lealtajiet awtentiċi tal-poeta jidhru li, oġġettivament, laqgħu politika ta' kompromess sostnut kontinwament u nieqes mill-forza li temmen fil-ħila tal-poplu li xi darba tista' twasslu biex imexxi lilu nnifsu.

Dak li qatt ma emmen Mons. Psaila seħħ tliet snin wara mewtu, meta Ġorġ Borg Olivier (1911–82), il-mexxej Nazzjonalista li oppona "l-ideat irredentisti"[59] Mizzjani u li biegħed lill-Partit mix-Chauviniżmu Taljan,[60] kiseb l-Indipendenza għal Malta fl-1964.

• aqleb wara għan-noti

## NOTI

1. *Cfr.* G. Carocci, *Storia del Fascismo* (Garzanti, Milano, 1975), p. 131. Għall-ideat ta' supremazija li pprova jistabbilixxi Mussolini dwar il-mare nostrum, *cfr.* D. Mack Smith, *Mussolini* (London, 1982), (Taqsima 1, no. 18), p. 208.

2. E. Wiskemann, *Fascism in Italy: Its Development and Influence* (London, 1970), p. 77.

3. Ġ. Cardona, *Dun Karm: Ħajtu u Ħidmietu* (KKM, Malta, 1972), p. 214.

4. It-test kollu ta' Cardona (*op. cit.*, p. 216) jgħid hekk: "Jien ħbatt ridt nikteb xi vers, imma ngħidlek is-sewwa, il-mużi għadhom reqdin. Ilbieraħ bdejt sunett bil-*lingua nostra* lil Mussolini:

*E pare che sta volta Mussolini*
*Abbia fatto i conti senza l'oste...*

iżda ma stajtx ngħalqu."

5. Ġ. Cardona, *ibid.* Aquilina jqis illi s-sunett sata' nbeda f'vena leġġera jew satirika; jifhem ukoll illi l-qagħda tiegħu anti-Faxxista Psaila wrieha meta ma aċċettax li jixxandru poeżiji tiegħu fl-Italja (c. 1934) biex ma jikkontribwixxix għal xi mottiv politiku indirett favur l-*Italjanità* ta' Malta. (*Tagħrif* ta' Ġ. Aquilina, 13/7/1984).

6. Avviż dwar il-ħsieb li titwaqqaf il-*Malta Cultural Society* deher simultaneament fit-*Times of Malta* u fil-*Malta Chronicle* and *Imperial Services Gazette* fis-6/3/1910. Aktar tard, fuq ir-*Rediffusion*, Aquilina ħabbar li l-iskop ta' l-Għaqda kien li titrawwem *inteligentsia* Maltija. *Cfr.* Ġ. Cassar Pullicino, *Aquilina u l-Malti* (KKM, Malta, 1974), pp. 168–170.

7. *Vide*, fost l-oħrajn, Editorjal f'*Leħen il-Malti* bl-isem *God Save the King* li kien deher f'Mejju u fost ħwejjeġ oħra stqarr il-weġħda ta' "rabta mas-Sultan ta' l-ikbar Imperu – is-Sultan li jaħkem fuq il-ġnus ta' kull lewn, ta' kull emmna, ta' kull ħsieb u grad ta' ċiviltà" għax "Malta wkoll tħossha ħaġa waħda mas-Sultan, taħt id-dell tal-Bandiera Ingliża".

8. L. Schiavone (*Tagħrif*, 20/6/1984) iqis li din il-frażi li tmur lura sa Dante (*Purgatorio*), aktarx intużat minn Dun Karm, kollega tiegħu, f'sens innokwu. Dott. Iris Pace indikat li l-frażi kienet tiċċirkola kontinwament f'ambjent tal-Partit Nazzjonalista li kien impenjat fiħom missierha, P. Pace, Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista fi żmien Enrico Mizzi u editur tal-gazzetta *Patria* mill-1947 'il quddiem. Din hija traskrizzjoni ta' silta minn intervista li l-awtur għamel lil Pace (1/7/1984):

*Il-grupp ta' Nerik Mizzi kien jemmen li Dun Karm ġieb ruħu ta' imperjalist sinċier, wieħed minn dawk li lill-Ingliż kienu jarawh padrun u li dejjem ammettew li l-għajxien tagħhom kien jiddependi mill-Ingilterra. Barra minn daqshekk, Dun Karm ma kellux skopijiet ulterjuri. Missieri, li kien viċin ħafna ta' Nerik Mizzi, dejjem sostna li kien ammirat minn ħafna filo-Taljani għaliex kien jikteb poeżiji bit-Taljan. Fi żminijiet oħra, kif kienu jemmnu l-Mizzjani, il-klikka li riedet toħloq il-Malti sserviet b'Dun Karm, kemm bil-kariga Ekkleżjastika tiegħu kif ukoll bl-intelliġenza li kellu. Il-filo-Taljani fehmu li l-lingwa miktuba kellha tinħoloq b'mod serju u demokratiku u mhux ifformata minn "klikka mġiegħla mill-barranin" li riedu li l-Malti jinqata' mill-element Rumanz u jitressaq lejn l-Afrikan bi skop li l-poplu jkun iddegradat.*

9. *Cfr. Lill-Muża*, sunett li Dun Karm ikkompona fis-17/10/1933, vv. 7 u 8.

10. Meta f'April tal-1949 V.M. Pellegrini tħajjar jerġa' jxettel il-letteratura bit-Taljan bil-pubblikazzjoni tar-rivista ta' kull xahar *La Crociata*, kien hemm reazzjoni mqanqla minn ħafna nħawi li kkundannaw it-Taljan bħala arma qattiela (Pellegrini, *Tagħrif, cit.*). *Il-Berqa* (16/7/1949) fakkret illi fi żmien il-gwerra, nies bħal Carlo Mallia kienu wrew x'kienu s-sentimenti tal pro Taljani. Fil-*Malta* (Serie Romana, N.44, 1/4/1947), Mallia kien kiteb hekk:

*Għal raġunijiet ċari l-Partit Nazzjonalista ma setax jimxi b'pulitika ta' irredentiżmu fid-deher: hu llimita ruħu għall-iskop li jiddefendi dak kollu li jagħmel u li juri l-Italjanità ċara ta' Malta, l-aktar il-lingwa Taljana... Dan kien l-aħjar mezz u l-aktar wieħed fiż-żgur biex tinżamm dejjem ħajja, favur l-Omm kbira l-Italja, l-ipoteka tagħha fuq Malta u Għawdex, li l-ħażen ta' l-Ingliżi ħataf b'ingann.*

Gazzetti oħra li kkundannaw minnufih il-ħruġ ta' *La Crociata* inkludew, fost oħrajn, *The Dawn* (13/4/1949), *The Torch* (14/7/1949) u *Il-Ġannett* (23/7/1949). Ma' dawn żdied *Leħen il-Malti* (Jannar–Marzu, 1949) li, permezz ta' editorjal ta' Ġ. Aquilina, appella lill-Prim Ministru, P. Boffa, biex igħin l-istudju tal-Malti u fakkar li fl-imgħoddi, biex il-Malti jaqbad l-art, kien meħtieġ li jinħasad darba għal dejjem it-Taljan, li qatt ma kien tal-poplu. *La Crociata* wieġbet permezz ta' editorjal twil (Anno I, N.3, Ġiugno 1949) li akkuża lil Aquilina, Dun Karm, Saydon u Cremona bħala awtodidatti fil-Malti u li Aquilina, biex sar Professur, kellu jitħarreġ fl-Ingilterra. Fehmiet oħrajn fi żmien il-kwistjoni tal-lingwa juru li whud bħal Cremona u E.B. Vella, kienu meqjusin bħala "nies ta' kultura limitata li għamluha ta' qaddejja ta' l-Ingliżi" (*Tagħrif* lill-awtur minn A. Gauci, internat fl-1940, u wieħed mill-attivisti fi ħdan *La Brigata u Malta*).

11. *Cfr.* P. Xuereb, *The Sunday Times of Malta*, 22/10/1972.

12. *Cfr. Il-Progress*, waħda mis-seba' poeżiji li kiteb fl-ewwel sena tal-gwerra; iż-żewġ versi lil Mussolini huma l-uniċi frammenti li jikkronakaw l-effetti tal-gwerra fuq D.K. fl-1940. *Vide* wkoll *Il-Gass*, sunett kurjuż bis-sotto-titlu *Psikoloġija Mżewqa* (1936).

13. *Cfr.* O. Friggieri, *Il-Kultura Taljana f'Dun Karm*, (KKM, Malta, 1976), p. 13.

14. *Ibid.*

15. *Ibid.*

16. Fis-snin Tletin soċjetajiet Kattoliċi f'Malta kienu f'kuntatt mal-*Federazione Universitaria Cattolica Italiana* (FUCI) fl-Italja, moviment kontroversjali, li, biex jikkumbattih fis-snin Għoxrin, qabel il-Konkordat, Mussolini kien ħoloq il-*Balilla*, għall-formazzjoni Faxxista tat-tfal. Wara l-ftehim mal-Vatikan fl-1929, Mussolini rrikonoxxa s-soċjetajiet kollha affiljati ma' l-*Azione Cattolica* (*cfr.* E. Wiskemann, *op. cit.*, p. 28). Fl-1930 grupp ta' studenti Maltin ittellgħu Ruma u żaru lil Mussolini wara ftehim mal-FUCI. H. Ganado kien għamel indirizz lill-mexxej Taljan u stqarr, fost ħwejjeġ oħra:

*Oggi, Eccellenza, in questi tempi di materialismo, tutti i popoli sono orfani di spirito e tutti si rivolgono a Roma, la Sede del Santo Padre donde è concessa la Pasqua e la pace agli uomini di buona volontà, la Roma di Benito Mussolini che col fascismo ha iniziato una nuova pagina nella storia politica del mondo.*

(H. Ganado, *Rajt Malta Tinbidel*, Vol. 1, cit., pp. 442–3). Fl-1931 ir-reġim Taljan daħal fi kwistjoni oħra ma' l-*Azione Cattolica Italiana*.

17. P.C. Kent, *Crisis over Malta* f'*The Pope and the Duce* (Macmillan, 1981), p. 90 *et seg.* *Cfr.* ukoll Harrison Smith, *Mussolini and Strickland* fi *Scientia* (Vol. 36, Malta, 1973), pp. 155–180.

18. Bħala bniedem kolt, Dun Karm kien iħobb il-mużika operistika u kien jagħmel xi eżerċizzji fuq il-pjanu; għall-ħabta ta' l-1922–25 kien midħla sewwa ta' għadd ta' tenuri Taljani u kien jiddedikalhom diversi poemi żgħar (*Tagħrif*, J.P. Vassallo, *cit.*). *Vide* wkoll *A Leopoldo Dagradi, Tenore drammatico assoluto nella sua serata d'onore al Real Teatro di Malta* inkluża f'*Mons. Carmelo Psaila, Liriche, con prefazione di Giovanni Curmi* (A.C. Aquilina, Malta, 1954) pp. 82–3.

19. O. Friggieri, *loc. cit.*, *ibid.*

20. Hawnhekk terġa' tinħass il-ħtieġa ta' valutazzjoni ta' Dun Karm skond il-metodi tal-kritika li tirrikostitwixxi l-ambjent politiko-kulturali li ma jirriflettix biss l-interessi tal-letteratura bħala attività li tħaddan il-gosti limitati ta' klassi dominanti. *Vide*, e.g. A. Gramsci, *Letteratura e Vita Nazionale* fi *Quaderni dal Carcere* (1933–1937).

21. A.W. Salomone, ed., *Italy from the Risorgimento to Fascism* (Devon, 1970), p. 177, Mussolini pprova wkoll jipplaġjarizza teoriji bikrin ta' Croce u oħrajn minn D'Annunzio.

22. *Tagħrif* mogħti lill-awtur minn J.P. Vassallo (12/7/1984), jikkonferma dan l-argument. Vassallo jżid illi miegħu, bħala neputi, Dun Karm qatt ma kkommetta ruħu dwar kif kien jaħsibha fuq Mussolini.

23. *Tagħrif, ibid.*

24. *Vide*, fost oħrajn id-dokumenti *Stato fascista e religione Cattolica, Cattolici e fascismo, Il dibattito sulla Questione Romana* f'G. Bonfanti, *Il fascismo*, Vol. 2, (La Scuola, Brescia, 1977), pp. 27–69.

25. Fit-Tielet Kungress tal-Partit, fid-9/11/1921, Mussolini kien diġà ħabbar illi *i fascisti devono preoccuparsi della salute della razza, poichè la razza è il materiale col quale intendiamo costruire la storia.* F'Lulju 1938, il-*Manifesto degli scienzati razzisti* sostna li, bijoloġikament u antropoloġikament, it-Taljani huma klassi superjuri u l-Lhud inferjuri. Ir-razziżmu Mussolinjan sab oppożizzjoni qawwija minn intellettwali bħal Marinetti, Bontempelli u Gentile. L-Arċisqof ta' Milan, il-Kardinal Schuster, iddeskriva r-razziżmu bħala "ereżija antirumana" (13/11/1938) filwaqt li Piju XI, fid-dawl tad-digriet faxxista kontra ż-żwiġijiet imħallta tat-Taljani mal-Lhud, ipprotesta kontra "il-ferita" li sofra l-Konkordat b'dan l-atteġġjament li joffendi t-tagħlim tal-Knisja dwar iż-żwieġ. Ir-razziżmu Taljan u Ġermaniż kien deċiżivament ikkundannat minn Piju XII fil-messaġġ tal-Milied, 1942.

26. *Tagħrif, cit.*

27. *Cfr.* I.A. Richards, *Irrelevant Associations and Stock Responses* fi *Practical Criticism*, (London, Ed. 1978), pp. 235–254. Fil-każ taż-żewġ versi li qed ikunu analizzati, il-qarrej jista' jagħixxi għall-ewwel intenzjoni ironika weħidha u l-awtur qiegħed jassumi li din l-intenzjoni jista' jkun li qed taħbi l-varjanti, jew id-*distortion* ta' l-aspett enerġiku ta' l-idea li jissuġġerixxi Richards innifsu. Richards iqis ukoll illi *stock response* tista' tkun att ta' konvenjenza *available with less trouble than it it had to be specially made out of raw or partially prepared material* (*op. cit.*, p. 240). Min-naħa l-oħra, l-awtur preżenti jammetti illi jista' jkun hati ta' xi *inappropriate response* inkonxja jew "spekulattiva" li jwissi dwarha Richards.

28. Qabbel il-ftuħ ta' l-ewwel vers Dunkarmjan ma' l-użu tal-konnettiv użat għal effett ta' kontinwazzjoni anki polisindetika, fir-romantiċi.

29. P. Galvani, *Lotta e Resistenza* (L.A.R., 1974), p. 41.

30. Fil-kuntest issuġġeriet, *l'oste* tieħu d-diwi mbiegħed ta' l-eżerċitu fit-tifsira tal-letteratura klassika.

31. *Il-poeżija Maltija fl-Iskejjel aħjar minn kull waħda oħra, Il-Malti*, (Marzu, 1930), p. 3. *Cfr.* ukoll E. Wiskemann, *op. cit.*, p. 29.

32. *Il-Letteratura Tagħna, Il-Malti* (Diċ. 1937), p. 103.

33. *Dun Mikiel Xerri, Il-Malti* (Sett. 1937), p. 72.

34. Il-kwotazzjonijiet f'dan il-paragrafu huma ċitati minn Benito Mussolini, *La dottrina del fascismo* (Firenze, 1938), trad. u miġjuba f'L.L. Snyder, *Varieties of Nationalism* (Dryden Press, Illinois, 1976), pp. 197–8.

35. *Cfr.* G. Petronio, *L'attività letteraria in Italia* (Palumbo, Roma-Trieste, 1970), p. 854.

36. Imqar meta Psaila resaq lejn il-letteratura Ingliża l-għażliet tiegħu baqgħu jirriflettu ġibda naturali lejn bixra moralistika. Huwa ntrabat mal-poeżiji ta' H.W. Longfellow għax ra fih tendenza morali qawwija filwaqt li f'Tennyson kien jara n-nobbiltà ekwilibrata ta' l-idea puritana mfissra b'effett tekniku ta' metrika dixxiplinata. Kien miġbud ukoll lejn T. Hardy, poeta ieħor tal kampanja li Psaila kien jammira minħabba s-sens ta' unità u l-ordni strutturali fil-kompożizzjonijiet tiegħu. Psaila kien jara f'poeta bħal Longellow "spirtu moralissmu" u kien "jikteb versi bl-Ingliż fuq l-istil ta' Longfellow bħala delizzju" (*Tagħrif*, J.P. Vassallo, cit.).

37. *Cfr.* N. De Piro, *Il Teatro per il Popolo* (Roma, 1938), p. 65. Il-volum, maħruġ b'testi simultanei bit-Taljan, bil-Ġermaniż, bil-Franċiż u l-Ingliż, jintrabat ma' forom ta' arti bħala epopea mitica u "direzzjoni ċivika", etika li tikkorrispondi mal-mentalità Dunkarmjana dwar il-poeżija.

38. *Ibid.*, p. 61.

39. *Ibid.*, p. 65.

40. *Ibid.*, p. 68.

41. *Ibid.*, pp. 7, 9: il-funzjoni artistika fil-viżjoni Mussolinjana kien meħtieġ li jkollha *intima giustificazione spirituale* fejn *le passioni di tutto un popolo si ritrovino e si esaltino* (*loc. cit.*).

42. *Cfr.* Wiskemann, cit., p. 28: *A very important article of the Concordat was Art. 43. This declared "The Italian State recognizes the organizations affiliated to the 'Azione Cattolica Italiana' in so far as these shall, as has been laid down by the Holy See, develop their activities outside all political parties and in immediate dependence on the hierarchy of the Church for the diffusion and realization of Catholic principles."* Il-ħsieb ta' *Actio Catholica* ntlaqa' wkoll minn Dun Karm bħala titlu għal waħda mill-poeżiji tiegħu fl-1940.

43. Dun Karm żamm il-Knisja f'qagħda privileġġata li "sikwit hi mbiddla f'imperu politiku li jaħkem." (*Cfr.* O. Friggieri, *Dun Karm, Il-Poeżiji Miġbura*, (Malta, 1980), p. 21).

44. Analiżi aktar penetranti ta' mottivi li joffru korrispondenza bejn Mussolini u Psaila jistgħu jiżvelaw, fost l-oħrajn, ipernazzjonaliżmu, is-sagrifiċċju tal-ħajja għall-patrija, neoklassiċiżmu estetiku, idealizzar ta' l-attività tar-raba', id-dħul korali tar-rettorika indirizzata lill-poplu sottomess, il-biża' mir-razzjonaliżmu, il-puritaniżmu fiċ-ċensura.

45. *Vide Esposizione Documentata Della Questione Maltese Febbraio 1929 – Giugno 1930* (Tipografia Poliglotta Vaticana, Ruma, 1930), p. 92.

46. *Rapporto di Mons. Pasquale Robison alla Segretaria di Stato* (16/6/1929), fl-*Esposizione, cit., ibid.*

47. *Cfr. Esposizione, cit.*, p. 93.

48. *Ibid.*, p. 92.

49. *Vide L'Osservatore Romano*, 23/8/1929.

50. *Ibid.*

51. *Malta*, 23/8/1929.

52. *Ibid.*, 13/11/1930.

53. *Corriere della Sera*, 17/4/1930.

54. *Dr. Xekkek*, 31/5/1930.

55. *Ibid.*, 6/9/1930.

56. *Ibid.*, 29/11/1930.

57. *Ibid.*, 26/8/1930.

58. E. Mizzi kien ikkwotat ta' spiss minn ġurnali anti-Faxxisti bħal *Labour Opinion*, *Il-Kotra*, *Id-Dehen* u *Dr. Xekkek*, li fil-ħarġa tal-31/5/1930 iċċita l-kliem tal-mexxej Nazzjonalista: "Quddiem il-periklu kulħadd għandu jkun lest biex joffri lilu nnifsu bħala sagrifiċċju għar-Reliġjon u għall-Patrija". Fl-istess ton huma mxandra kitbiet kotrana fuq *Leħen is-Sewwa* ta' l-epoka Mussolinjana; il-ġurnal klerikali saħaq fuq il-konsonanza inekwivoka bejn il-Faxxiżmu u r-Reliġjon Kattolika bħala att providenzjali.

59. *Dr. Xekkek*, 31/5/1930.

60. Harrison Smith, *cit.* minn Adrianus Koster, *Prelates and Politicians in Malta* (Vijhuizen, Olanda, 1981), p. 206.

MARIO AZZOPARDI

Tweġibiet għat-Taħriġ (2) li deher f'Volum 2, Nru. 4, p. 247


bajd

بَيض ← ب ى ض


ajruport

مَطار ← مَ ط ا ر


dell

ظِل ← ظِ ل


tron

عَرْش ← عَ رْ ش


arloġġ

سَاعَة ← سَ ا ع ة


ħaxix

عُشْب ← عُ شْ ب


għar

مَغارَة ← مَ غ ا رَ ة


moħħ

دِماغ ← دِ م ا غ

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
|  | tieqa | نَافِذة | ← | نَ ا فِ ذ ة |
|  | xadin | قِرْد | ← | قِ رْ د |
|  | pjaneta | كَوْكَب | ← | كَ وْ كَ ب |
|  | friġġ | ثَلاّجَة | ← | ثَ لّ ا جَ ة |
|  | qanpiena żgħira | جُلْجُل | ← | جُ لْ جُ ل |
|  | tigra | نِمْر | ← | نِ مْ ر |
|  | ġeli | هُلاَم | ← | هُ ل ا م |
|  | tifel | وَلَد | ← | وَ لَ د |
|  | xmara | نَهْر | ← | نَ هْ ر |
|  | gżira | جَزِيرَة | ← | جَ زِ ي رَ ة |

•jissokta f'ħarġa oħra



# KOMPONIMENT MUDELL

## *TENSJONI*

TENSJONI KBIRA. Qalb tħabbat sitta sitta. Għaraq idellek ma' ġismek kollu. Iżda fl-aħħar, pamm! Il-mument tat-tluq.

F'dak il-mument donnok tieqaf ħesrem għal dik is-sekonda, iżda kif tħoss dak ir-riħ qawwi f'wiċċek jiffriskak terġa' tibda tħabbat b'ritmu aktar mgħaġġel minn qabel.

Id-debba taħtek tiġri. Tħossok sirt ħaġa waħda qalb dik il-ġeġwiġija ta' dwiefer iħabbtu u jtajru u jgħattnu t-trab ta' l-art. Żewġt iqlub jitħalltu u jsiru qalb waħda. Tħossok ukoll beżgħan u mwerwer minn fuq dak id-dahar għoli tad-debba. Tħossok ukoll kburi, għoli, qawwi. Tħoss kontroll kbir. Kontroll ta' annimal stupidu li għax jisma' lilek iċċaqċaq il-frosta jew taqlagħlu xi daqqa ġo ġenbejh jibża' u jiġri iżjed. Waqt it-tiġrija l-muskoli kollha ta' ġismek ikunu kollha miġbudin. Ir-riedni tagħfsu sakemm l-għadam ta' subgħajk iċedi taħt il-ġilda iebsa tar-riedni. Ġenbejk juġgħuk bl-iskossi. Tagħmel sforz u togħla naqra oħra. Tara kollox itir madwarek. In-nies, l-art, is-sema jidhru biss sinjali mġebbdin ta' kulur u ħoss. U ta' ħdejk dejjem ħdejk donnu wieqaf. Jersaq iżjed viċin tiegħek u xi mindaqqiet jolqtok u tibża' li ser titlef il-bilanċ u tispiċċa b'rasek mgħattna taħt dawk in-nagħliet jaħarqu tal-ħadid.

L-istampa tiġi ferm ċara quddiem għajnejk. Balla kkapuljat mgħaffġa bld-demm għadu jbaqbaq fiha sakemm fl-aħħar terġa' titbiegħed mill-periklu u terġa' tiftakar li qiegħed fit-tiġrija.

Din l-arja kollha u l-qawwa li tħoss, dan l-isforz li tagħmel jista' jgħib kollu kif tara lil ta' quddiemek jieħu l-ewwel. Jirbaħ. Jaqta' ż-żigarella tar-rebħ u int wara. Tellief! Tħoss lil ġismek jinħall, jistrieħ. U fl-aħħar waqfien. Iżda wara dan kollu l-akbar ħaġa li tħoss hi t-telfa, dillierju, dwejjaq u impotenza.

Dgħjufija li tikkontrolla l-bhima, dik l-istupida li suppost kellha tiġri iżjed, issa waqfet, spiċċat, inħalbet. Dik il-qawwa kollha issa għebet. Il-poter li kellek fuq id-debba spiċċa. Tħossok spiċċajt u mitt, iżda wara tiftakar f'dik taħtek. Int qiegħed fuq daharha. Hi kienet li ma wasslitekx. Tort tagħha kien li ma rbaħtx.

Iżda fuq kollox kienet hi li għamlitek daqshekk kburi, għoli, potenti. Għalfejn għandek tiddisprezzaha issa? Għax ma rnexxilekx tirbaħ? Kif tkun miexi bil-mod tieħu lid-debba fl-istalla tisma' lin-nies jitkellmu jgħajtu u jifirħu bejniethom għax iż-żiemel tagħhom daħal l-ewwel. Xi ftit iħarsu lejk bis-simpatija kollha u jitkellmu bejniethom li tassew kienet tiġrija tajba u sabiħa.

"Żgur ma nerġax nagħmel imħatri fuq dak iż-żiemel. Tlift għoxrin lira!"

Tlift ukoll il-fiduċja ta' dawn in-nies. It-telfa totali.

U huma f'dawn il-mumenti li jerġgħu jgħaddu minn moħħok xeni li tkun għaddejt minnhom ftit minuti qabel.

Kollox jiġi lura f'ritratti. It-tensjoni. Il-biża'. Il-ħeġġa. Ritratti ta' wċuh ta' nies sfumati u mħalltin li flimkien ma jibqgħux jintgħarfu wieħed mill-ieħor. Tiftakar ukoll dak il-mument ta' ftit sekondi meta l-ġerrej ta' ħdejk jidher wieqaf sobtu sakemm jibda jaqbżek. Int mgħaffeġ hemm taħt, titħallat u titkagħweġ mat-trab, mejjet.

**RAYMOND CALLEJA**

# KOTBA GĦAL IDEJK




Dan il-ktieb joffri għażla tal-kliem l-aktar importanti fl-istudju tal-letteratura, u jdaħħal lill-qarrej fil-qasam tal-lingwa tal-kritika. It-termini huma mogħtija tifsira ċara u sikwit imseddqin b'eżempji mil-letteratura Maltija, biex tingħata wkoll idea ta' l-istorja tagħha. Il-ktieb jinkludi t-tagħrif meħtieġ kollu dwar il-metrika Maltija. L-istudenti, il-qarrejja ġenerali, il-kittieba u l-istudjużi jistgħu jsibu fih l-għarfien u l-eżempji tat-termini li ħadd ma jista' jgħaddi mingħajrhom fl-istudju letterarju ta' kull livell.

PEG PUBLICATIONS

**Publishers Enterprises Group (P.E.G.) Ltd,**
P.E.G. Building, Triq Herbert Ganado,
Ħamrun, Malta.
Telefon: 24186

**PEG Book Centre,**
Savoy Shopping Arcade,
Valletta, Malta.
Telefon: 621229